# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Ġunju 2025**

**Numru 31**

**Rikors numru 168/2023/1 ISB**

**Prof Ivan Sammut (K.I. 141578M)**
**v.**
**Avukat tal-Istat,**
**Il-Kummissarju tal-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data, u**
**Il-Ministru tal-Edukazzjoni**
**u b'digriet tal-10 ta' Mejju 2023 ġie kjamat fil-kawża d-Direttur ta' St. Martin's College Sixth Form għan-nom u in rappreżentanza tal-istess u b'digriet tat-3 ta' Ġunju 2024 Graziella Sammut ġiet awtorizzata tintervjeni in statu et terminis**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mir-rikorrent wara sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha nhar is-27 ta' Settembru 2023. Permezz ta' dik is-

sentenza l-Ewwel Qorti lliberat lil Ministru għall-Edukazzjoni mill-osservanza tal-ġudizzju u laqgħet ir-raba' eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat b'dan li kwalunkwe talba fir-rigward tal-allegat ksur tal-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea kellha titressaq b'rikors ġuramentat. L-Ewwel Qorti laqgħet ukoll l-eċċezzjoni kontenuta f'paragrafu għaxra tar-risposta tal-intimat Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data, is-seba' eċċezzjoni tal-Ministru tal-Edukazzjoni u t-tielet eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat u ddeċidiet li r-rikorrent kellu mezzi xierqa oħra ta' rimedju li kienu disponibbli għalih u allura l-Ewwel Qorti ma wettqitx is-setgħat tagħha biex tqis l-ilmenti tar-rikorrent. Kull parti ġiet ordnata tbati l-ispejjeż tagħha.

**Daħla**

2. Ir-rikorrent ressaq l-ilment tiegħu wara li kien imċaħħad milli jaċċessa *portal* elettroniku ġestit mill-iskola ta' ibnu (minn hawn il-quddiem imsejjaħ 'ibnu' jew 'l-iben' jew il-'minorenni') ta' sittax-il sena. Hu kien imċaħħad wara talba li għamel ibnu stess mal-iskola. Wara li r-rikorrent induna li l-aċċess tiegħu ġie mneħħi hu kkuntattja lill-iskola. L-iskola għamlet kuntatt mal-Kummissarju tal-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data u wara saru laqgħat. Ir-rikorrent jisħaq li l-Istat Malti, *tramite* l-Kummissarju u l-Ministru tal-Edukazzjoni, kissru d-drittijiet tiegħu, kemm taħt il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u kemm taħt il-

Konvenzjoni tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, u dan anke għaliex saret interpretazzjoni ħażina tar- Regolament (UE) 2016/679 dwar l-ipproċessar tad-data. Jargumenta li l-azzjoni odjerna ma tirrelatax biss mal-aċċess għall-*portal* iżda wkoll mal-interpretazzjoni mogħtija għar-regolament 7 tal-Liġi Sussidjarja 586.07 intitolat Regolamenti dwar l-Ipproċessar ta' Data Personali fis-Settur tal-Edukazzjoni. L-Ewwel Qorti kkonkludiet li kien hemm rimedji ordinarji li r-rikorrent seta' jaċċedi għalihom, għalkemm dan ir-rikorrent ma għamlux.

3. Fl-appell tiegħu r-rikorrent jisħaq li l-Ewwel Qorti ma fehmitx in-natura tal-azzjoni u ma għamlitx distinzjoni bejn l-aċċess għall-*portal* u l-interpretazzjoni tar-regolament 7 tal-Liġi Sussidjarja 586.07 u jitlob li l-Qorti teżerċita s-setgħat tagħha.

4. Ir-**rikorrent** ressaq kawża kostituzzjonali permezz ta' liema talab:

> *"Tagħti Miżuri ad iterim billi:*
> *1. Tisma' l-każ b'urġenza u bl-ispeditezza neċessarja stante li l-mertu fattwali sustantiv prinċipali se jiġi eżarwit fi ftit xhur oħra;*
>
> *2.Tordna biex l-isem tal-minuri u l-iskola jiġi anominazzat u d-dokument li jiġu intavolati fil-proċess ma jiġux skenjati fl-ecourts in linea mad-deċiżjonijiet tal-Qrati preċedenti, inklużi l-QEDB, l-Qorti Kostituzzjonali u l-PA Sede Kostituzzjonali fil-proċess 656/21/RMG,503/22GM U 596/22LM;*[1]
>
> *3.Tordna li ad interim ir-rikorrent ikollu aċċess minnufih għall-kont tal-portal 'Myschool' tal-minuri msemmi li twieled fl-2007 kif kellu sa Jannar 2023 u l-parents' day, stante li r-rikorrenti qed jiġi ppreġudikat irrimedjabbilment ma' kull ġurnata li tgħaddi.*

[1] Din it-talba ġiet milqugħa permezz ta' digriet mogħti fis-seduta tal-14 ta' April 2023 fejn l-Ewwel Qorti ordnat li ma jkun hemm l-ebda scan ta' dokumentazzjoni ta' din il-kawża.

*Talbiet Regolari:*
*1. Tiddikjara li l-interpretazzjoni restrittiva ta' Artikolu 7 tal-AL 586.7 li qed jintuża mill-Istat Malti biex ir-rikorrenti jitneħħielu l-aċċess tal-portal 'Myschool' imur kontra l-obbligu tal-Istat Malti kif rikjesti mill-QEDB fil-każ deċiż fit-18 ta' Marzu 2021 fl-applikazzjoni 9410/20 kif ukoll kontra l-ispirtu tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali deċiża fis-7 ta' Marzu 2022 li ordnat l-esegwibilita' tal-istess każ fil-konfront;*

*2.Tiddikjara li Artikolu 7 tal-AL 586.7 mhux konformi ma' Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u dan għall-fatt li ma jeżisti imkien fir-Regolament (UE) 2016/679 li jagħti l-Istat Membru tal-faċilita li jbiddel jew ixekkel d-drittijiet parentali fil-konfronti ta' minuri jew li jagħti d-drittijiet lil minuri ta' sittax-il sena li jagħżlu minn rajgħom li jneġġu aċċess ta' data akkademika jew data oħra li tkun disponibbli f'portals tal-iskola bħal f'Myschool u dana minħabba l-fatt li l-liġi nazzjonali qatt ma tista' tbiddel l-animu ta' Regolament tal-UE fl-implimentazzjoni tiegħu;*

*3. Tiddikjara li l-interpretazzjoni tal-awtoritajiet tal-Istat Malti li jidderiġu l-awtoritajiet tal-iskola biex jilqgħu t-talba tal-minuri biex jitneħħa l-aċċess tal-Myschool lir-rikorrenti tikser id-drittijiet tar-rikorrenti taħt Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;*

*4. Tiddikjara li l-interpretazzjoni tal-awtoritajiet tal-Istat Malti li jidderiġu l-awtoritajiet tal-iskola biex jilqgħu t-talba tat-minuri biex jitneħħa l-aċċess tal-Myschool lir-rikorrenti tikser id-drittijiet tar-rikorrenti taħt Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;*

*5.F'każ li ma tilqax l-ewwel erba' talbiet u ssib li r-Regolament (UE) 2016/679 jagħti d-dritt lil minuri ta' sittax-il sena il-jedd li jħassar l-awtorita parentali u jneħħi l-aċċess tar-rikorrenti għall-profil tiegħu f'Myschool, ssib jew tagħmel rinviju preliminarju skont Artikolu 267 TFUE lill-QĠUE dwar jekk l-interpretazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/679 li tkun qed timxi magħha l-Qorti Maltija hix ksur ta' Artikoli 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, liema konvenzjonijiet jipprevalu fuq liġi domestika konfliġġenti u saħansitra fuq ir-Regolament;*

*6. Tordna li r-rikorrenti jerġa' jingħata aċċess sħiħ għall-portal tal-minuri li twieled f-2007 tal-Myschool kif kellu sa Jannar 2023 u f'każ li dan il-mertu ġie eżawrit minħabba li l-minuri jkun spiċċa mill-iskola, tillikwida danni u tirrimborża parzjalmennt l-miżati tal-iskola li r-rikorrenti jkun ikkontribwixxa għal servizz li ma ħax;*

*7.Torna li jiġi llikwidati danni morali favur ir-rikorrenti;*

*8. Tiddikjara li n-nuqqas ta' salvagwardji għad-drittijiet ta' ġenitur li huwa obbligat li jikkontribwixxu manteniment bil-liġu għall-uliedu li għalqu t-*

*tmintax – il sena (għax ikunu għadhom qed jistudjaw) milli jkollhom informazzjoni (liema informazzjoni ma tingħatax minħabba raġunijiet ta' protezzjoni ta' data u drittijiet oħra tal-ulied adulti) dwar l-iżvilupp akkademiku u extra kurikulari edukattiv tal-istess ulied adulti, li huma obbligati bil-liġi li jikkontribwixxi għalih, imur kontra Artikolu 8 u possibilment provedimenti oħra tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-UE jekk din l-informazzjoni tal-UE jekk din l-informazzjoni ma tingħatax minħabba l-GDPR;*

*9. Sussegwentement tiddkjara u tordna li r-rikorrent/ġenitur li jħallas manteniment skont il-liġi għal ulied li laħqu l-eta' ta' adult għadu jistudja, għandu d-dritt u l-wild adult u l-istituzzjonijiet edukattivi għandhom l-obbligu li jinformaw lill-ġenitur li jkun qed iħallaslu l-manteniment skont il-liġi, li jagħtu informazzjoni dwar il-progress akkademiku u l-attivitajiet extra-kurikulari li jkun qed jagħmel matul l-istudju, inkella fin-nuqqas, jaqa' l-obbligu tal-manteniment imsemmi."*

5. **Ir-rikorrent** ibbaża t-talbiet tiegħu fuq is-segwenti premessi:

*"<u>A. Fatti/Sfond</u>*

*1. Illi r-rikorrenti huwa missier ta' erba' minuri li fil-preżentata ta' dan ir-rikors għandhom sittax-il sena, tnax-il sena, għaxar snin u tminn snin rispettivament. Qabel Awwissu 2021, ir-rikorrenti kien ilu ma jkollu kuntatt diċenti u effettiv mal-erbat uliedu għal erba' snin u dan minħabba raġunijiet ta' severe parental alienation kif ġie konfermat minn diversi qrati. Kien biss wara reunification programme bejn Awwissu 2021 u April 2022 ordnat mill-Qorti tal-Familja wara sentenza mill-QEDB tat-18 ta' Marzu 2021 fl-applikazzjoni 9410/20 kif ukoll wara l-ordni mill-Qorti Kostituzzjonali rik 431/21 fis-7 ta' Marzu 2022 li ordnat l-esegwibilità tas-sentenza tal-QEDB, li llum hemm kuntatt diċenti għalkemm mhux għal kollox effettiv mat-tlett ulied iż-żgħar, iżda rigward il-wild il-kbir baqa' ma sar xejn (fil-fatt hemm proċeduri pendenti oħra dwar dan, ara rikors kost 596/22LM), u r-rikorrenti ilu ma jkollu kuntatt ma' ibnu il-kbir minn Settembru 2017. It-tifel il-kbir jattendi skola St Martin's College Sixth-Form fis-Swatar, iż-żewġ ulied tan-nofs jattendu l-iskola sekondarja St Martin's College fis-Swatar, filwaqt li ż-żgħir jattendi l-iskola primarja Chiswick House School fil-Kappara. Dawn l-iskejjel huma parti mill-istess kulleġġ privat.*

*2. Illi dan ir-rikors promotur qed jiġi ntavolat wara leżjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti li saret fi Frar 2023 meta wara li l-minuri l-kbir msemmi fuq, għalaq sittax (16)-il sena fid-29 ta' Jannar 2023, hu kiteb jew informa lill-aworitajiet tal-iskola fejn jattendi, jiġifieri s-Sixth Form ta' St Martin's College biex hu (jiġifieri il-minuri li kien għadu kif għalaq 16-il sena) jirtira l-kunsens tiegħu sabiex ir-rikorrenti missier ma jkollux aċċess iżjed għall-kont dwaru fil-portal 'Myschool' tal-iskola. Ir-rikorrenti, qatt ma ġie informat mill-iskola dwar dan u nduna biss fl-24 ta' Frar 2023*

*meta irċieva email li ħarġu r-riżultati tal-eżamijiet tat-tifel iż-żgħir u daħal fil-portal biex jarahom. Hemmhekk induna li kien hemm il-kontijiet tat-tlett minuri ż-żgħar biss u dak tal-iben il-kbir kien sparixxa.*

*3. Illi r-rikorrenti kiteb b'email lil persuna responsabbli mis-Sixth Form tal-iskola fejn l-uffiċċjal infurmah li meta l-minuri għalaq 16-il sena huwa kiteb lill-iskola biex ineħħu kull aċċess li l-missier rikorrenti għandu fuq il-portal 'Myschool' dwar il-minuri ta' 16-il sena u l-iskola wara li ħadet parir legali kif ukoll wara li ħadet parir mill-Uffiċċju tal-Kummissarju tal-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data, ħassieta obbligata legalment li tneħħi l-aċċess lill-missier rikorrenti għall-kont tal-iben il-kbir mill-portal 'Myschool'. M'hemm l-ebda problema fir-rigward tal-kontijiet fil-portal 'Myschool' tat-tlett minuri l-oħra.*

*4. Illi l-missier rikorrenti għandu l-kura u kustodja konġunta mal-omm tal-erba' minuri u l-aċċess għall-'Myschool' tal-iben li għalaq 16-il sena ġie irtirat għall-missier rikorrenti BISS. L-omm baqgħet b'aċċess liberu.*

*5. Illi bħala sfond ta' dan, l-QEDB fit-18 ta' Marzu 2021 fil-każ I.S. & Others v Malta (applikazzjoni numru 9410/20), iddeċidiet:-*

> *(1). Declares the application admissible;*
> *(2) Holds that there has been a violation of Article 8 of the Convention;*
> *(3) Holds a. That the respondent State is to pay the applicants, within three months, the following amounts: i. EUR5,000 (five thousand euro) to the first applicant and EUR6,000 (six thousand euro) to each of the remaining applicants, plus any tax that may be chargeable, in respect of non-pecuniary damage;*
> *ii. EUR 150 (one hundred and fifty euro) to the first applicant, plus any tax that may be chargeable to him, in respect of costs and expenses;*
>
> *b. That from the expiry of the above-mentioned three months until settlement simple interest shall be payable on the above amounts at a rate equal to the marginal lending rate of the European Central Bank during the default period plus three percentage points;*
>
> *(4) Invites the authorities to examine the applicants' situation speedily and take the relevant action without further delay bearing in mind the findings in this judgment;*
>
> *(enfasi tal-esponent)*

*6. Illi minkejja s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta' Marzu 2022 li ordnat li ġej, xorta s-sentenza tal-QEDB baqgħet ma ġietx esegwita sew għax kull tentattiv li sar fir-rigward tal-minuri ż-żgħar ġie stultifikat jew mill-omm jew minn organu ieħor tal-istat u fir-rigward tal-minuri l-kbir, is-sitwazzjoni baqgħet kif kienet fit-18 ta' Marzu 2021 u baqa' ma sar xejn. Il-Qorti Kostituzzjonali ordnat:*

> *Għal dawn il-motivi tordna l-eżekuzzjoni tar-raba' paragrafu tal-parti dispożittiva tas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Umani tat-18 ta' Marzu 2021 billi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), id-Direttorat għall-*

*Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) u l-esperti flimkien jagħmlu dak li hemm bżonn sabiex jiżguraw li:-*

*i. fir-rigward tat-tlitt itfal li magħhom ir-rikorrent illum-il ġurnata għandu relazzjoni, jitkompla l-pjan ta' azzjoni b'dak it-tibdil li hemm bżonn sabiex tkompli u tissaħħaħ ir-relazzjoni; u*
*ii. jekk għadu possibbli u m'hemmx periklu li ssir ħsara lis-saħħa u żvilupp tat-tifel il-kbir, isir pjan ta' azzjoni fir-rigward tat-tifel il-kbir għar-rijunifikazzjoni ma' missieru u jitwettaq dak il-pjan.*

*7. Illi l-portal tal-iskola 'Myschool' huwa portal edukattiv li jintuża mill-iskola, u huwa miftuħ għall-istudenti, il-ġenituri u l-edukaturi biex ikunu jistgħu jikkomunikaw mal-iskola, jistgħu jivverifikaw l-istatus tal-istudenti tagħhom, jgħin u jagħtu aċċess għall-informazzjoni dwar l-edukazzjoni, l-aħħar aġġornamenti u l-attivitajiet tal-iskola tagħhom. Fil-portal issib rekords tal-istudent minn mindu daħal fl-iskola fil-kindergarten sas-sixth form. Ikun hemm lista tal-għalliema, rekords akkademiċi, noti dwar xogħol tal-iskola, attivitajiet tal-iskola, orarji tal-klassijiet, informazzjoni dwar Parents' Day u affarijiet oħra.*

*8. Illi r-rikorrenti missier ltaqa' darbtejn mal-iskola biex jipprova jsib soluzzjoni. Fis-7 ta' Marzu 2023 saret laqgħa mad-Direttur is-Sinjura Bernie Mizzi, s-Senior Leader tas-Sixth Form, is-Sur Anthony Abela, kif ukoll mal-avukati tal-iskola. Fil-15 ta' Marzu 2023 saret laqgħa oħra bejn l-istess persuni u d-Direttorat tal-Protezzjoni tad-Data Dr Ian Deguara. Il-laqgħa kient prinċipalment dwar l-interpretazzjoni ta' Artikolu 7 tal-AL 586.7 u ma' Artikolu 7 tar- Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u dan għall-fatt li m'hemm imkien fir-Regolament (UE) 2016/679 li minuri ta' sittax-il sena għandhom dritt iġibu fix-xejn l-awtorità parentali għal dak li għandu x'jaqsam mat-tip ta' informazzjoni li tinsab f'portal bħal 'Myschool'.*

*9. Illi fiż-żewġt laqgħat, il-pożizzjoni tal-iskola kienet illi, l-awtoritajiet tal-iskola jridu jimxu mal-liġi u li m'għandhomx interess li jwaqqfu l-aċċess tal-missier rikorrenti. Huma għamlu dan BISS għax hekk qed jiġu ggwidati mill-awtoritajiet kompetenti b'mod partikolari l-awtoritajiet tal-Uffiċċju tal-Protezzjoni tad-Data u dawk Edukattivi. Il-prinċipal u s-Senior Leader tal-iskola kemm-il darba ddikjaraw li l-iskola lesta li tagħti aċċess liberu lura lill-missier rikorrenti b'mod sħiħ kif kien sa Jannar 2023 kemm-il darba jkollha konferma mill-awtoritajiet tal-istat li l-iskola tkun qed timxi skont il-liġi. Min naħa l-oħra, l-Uffiċċju tad-Data spjega li l-liġi Maltija b'mod partikolari Artikolu 7 tal-AL 586.7 jagħti d-dritt lill-minuri ta' 16-il sena li jikkontrollaw l-informazzjoni dwarhom u spjega kif Malta dan ifisser li minuri ta' 16-il sena għandu dritt li ma jagħtix kunsens biex ġenitur ikollu aċċess għal xi informazzjoni li tkun fil-portal tal-Myschool. Qal li l-iskola tista' tgħaddi b'mod ieħor xi informazzjoni bħal riżultati tal-eżamijiet, imma żgur mhux aċċess ħieles fuq il-portal 'Myschool' ġaladarba l-minuri ta' 16-il sena talab lill-iskola biex jitneħħa l-imsemmi aċesss fil-portal 'Myschool'.*

*10. Illi fis-27 u fit-28 ta' Marzu 2023 kien hemm il-Parents' Day b'mod virtwali ta' St Martin's College u r-rikorrenti ma setax jattendi għal dik tas-Sixth-Form għax ma kellux informazzjoni biex jagħmel appuntamenti. Fil-fatt ir-rikorrenti ltaqa' biss mal-għalliema tal-ulied minuri l-oħra.*

*11. Illi sal-preżentata ta' dan ir-rikors promotur, l-aċċess fuq il-portal baqa' ma ġiex restawrat, jiġifieri l-missier diġà tilef xahrejn (u qed jiżdiedu) aċċess. Il-minuri qiegħed fl-ewwel sena Sixth-Form u t-tifel jispiċċa mill-iskola f'Marzu/April 2024.*

*12. Illi r-rikorrenti kien ilu b'aċċess għall-kont f''Myschool' ta' dan il-minuri mill-2010 u b'hekk tilef aċċess għad-data li kien hemm bejn l-2010 u Jannar 2023.*

*13. Illi fl-erba' snin li l-rikorrenti għamel bla kuntatt mal-ulied kollha, kien biss permezz ta' dan il-portal li seta' jżomm ruħu aġġornat dwar l-erbat uliedu. Issa fil-konfront tat-tifel il-kbir biss, l-Istat Malti mhux talli ma' mexxiex mas-sentenza tal-QEBD u tal-Qorti Kostituzzjonali msemmija qabel, imma issa qed japplika r-Regolament (UE) 2016/679 b'mod żbaljat, billi jimplimenta Leġiżlazzjoni Speċjali li tmur kontra dan ir-Regolament, kontra l-prinċipji bażiċi tad-dritt Ewropew, kontra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, kontra l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u fil-każ odjern kontra l-ispirtu tas-sentenza tal-QEDB u tal-Qorti Kostituzzjonali fil-konfront tar-rikorrenti li suppost l-istat qed jeżegwixxi.*

*14. Illi di più, Artikolu 7 tal-AL 586.7 ma jista' qatt jiġi nterpretat li jista' jbiddel il-prinċipju tal-awtorità parentali li joħroġ mil-liġijiet oħra, sentenzi lokali u Ewropej billi jagħti minuri ta' 16-il sena poteri indefiniti fil-konfront ta' ġenituri tagħhom, u wisq agħar f'kuntest fejn il-minuri jkun vittma ta' aljenazzjoni parentali.*

*15. Illi anke meta l-minuri jsiru adulti u jagħlqu t-18-il sena, ġaladarba dawn ikomplu jistudjaw u għandhom id-dritt tal-manteniment skont il-liġi, u l-ġenituri għandhom l-obbligu tal-manteniment, dritt iġib obbligu u obbligu jġib dritt u ġaladarba l-ġenituri huma obbligati li jħallsu, r-rikorrent bħala ġenitur għandu dritt u l-ulied adulti għandhom id-dmir li jinfurmaw lill-ġenituri bl-andament akkademiku u attivitajiet oħra marbuta mal-istudju tagħhom. Dan m'għandux jiġi mxekkel bl-Artikolu 7 tal-AL 586.7 jew bir-Regolament (UE) 2016/679 għax inkella jkun hemm ksur tal-Artikolu 7 tal-Karta Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE għax dan qed ikun qed issir minnħabba l-implimentazzjoni tad-dritt Ewropew kif ukoll ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta).*

*<u>B. Bżonn ta' miżuri ad interim</u>*

*16. Illi f'dan ir-rikors qed jitqajmu diversi punti tad-dritt importanti li jinvolvu mhux biss dwar l-interpretazzjoni ta' liġi Maltija imma wisq aktar dik tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Unjoni Ewropea. Dan ifisser li għalkemm din l-Onorabbli Qorti bla dubbju tagħmel kull mezz biex issir ġustizzja fl-iqsar żmien, hija realtà li b'numru ta' seduti, noti ta' sottomissjonijiet u proċeduri oħra, il-proċess odjern irid iż-żmien tiegħu, iżda l-passaġġ taż-żmien ma jieqafx, u minħabba li l-minuri jħalli l-iskola fi żmien 12-il xahar ieħor, hemm bżonn ta' miżuri ad iterim biex il-każ ma jiġix eżawrit fil-mertu ewlieni tiegħu, jiġifieri dak li r-rikorrenti jkollu aċċess liberu għall-portal 'Myschool' u għal parents' day waqt li l-minuri jkun għadu jattendi l-iskola u li s-sentenzi tal-QEBD u dik tal-Qorti Kostituzzjonali jiġu eżegwiti.*

*17. Illi dan ir-rikors promotur qed isir primarjament (imma mhux biss) biex ir-rikorrenti jerġa' jingħata aċċess ħieles tal-kont f''Myschool' tal-iben ta' 16-il sena li kellu għal tlettax-il sena u tilef fi Frar 2023.*

*18. Illi għalkemm id-drittijiet fundamentali mhumiex assoluti, din l-Onorabbli Qorti qed tintalab tiżen l-impatt ta' liġi lokali li hi potenzjalment invalida fuq ir-rikorrenti missier u fuq l-iben minuri li tnejn kienu vitmi skont deċiżjoni tal-QEDB u li ordnat l-eżegwibilità tagħha l-Qorti Kostituzzjonali u li l-Istat Malti sa sena wara baqa' ma għamel xejn, u de facto lanqas sal-preżentata ta' dan ir-rikors ma għadu ma sar xejn (ara rik promotur 596/22LM), u li kieku f'dan l-aħħar sentejn l-Istat Malti qeda dmiru skont id-deċiżjoni tal-QEDB, kieku din il-leżjoni jaf l-anqas biss kienet tirriżulta.*

*19. Illi din l-Onorabbli Qorti għandha tiżen il-fatt li l-minuri għadu jsofri l-istess li kien instab li kien qed isofri fil-2021 u għadu mhux f'pożizzjoni li jagħmel deċiżjonijiet oġġettivi fil-konfront ta' missieru tant illi mal-ewwel opportunità, qed juża liġi lokali li din l-Onorabbli Qorti qed tintalab issib li hija applikata ħażin, biex aktar tagħmel ħsara għalih u għar-rikorrenti. Normalment minuri ta' sittax-il sena ma jagħmlux talbiet bħal dawn imma f'dan il-każ, l-Istat Malti baqa' jfixkel li ssir reunification (dan hu mertu ta' kawża pendenti (rik kos 596/22LM) u issa r-riżultat hu li l-minuri qed jitħalla mill-istat juża Artikolu 7 tal-AL 586.7 biex iġib fix-xejn parti mill-awtorità parentali tar-rikorrent.*

*20. Illi r-rikorrenti dejjem qeda l-obbligi parentali b'mod tajjeb u li l-informazzjoni li qed jitlob biex tingħata lura kien illu jaċċessjaha għal 13-il sena, filwaqt li tiġi aġġornata maż-żmien, u li r-Regolament tal-UE qatt ma kien intiż li jintuża minn Stat Membru biex jagħti poteri assoluti lill-minuri ta' 16-il sena kontra ġenitur, b'mod partikolari ġenitur li hu vitma ta' aljenzzjoni kif konfermata min diversi qrati b'sentenzi preċedenti inkluż mill-QEDB.*

*21. Illi l-għan ta' miżura proviżorja, hekk kif maħsuba f'Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta u f'Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, hija intiża sabiex tagħti s-setgħa lill-Onorabbli Qorti twaqqaf milli*

*ssir ħsara li ma tkunx tista' tissewwa fejn hemm ksur tal-jeddijiet fundamentali tal-individwu.*

*22. Illi l-eżerċizzju li trid tagħmel il-Qorti fil-kuntest ta' miżura proviżorja hija analiżi prima facie fejn l-attur ikun jrid jipprova li għandu każ fejn, mad-daqqa t'għajn, sejrin jinkisru d-drittijiet fundamentali tiegħu. F'dan ir-rigward issir riferenza għall-provvediment mogħti fid-9 ta' Ġunju 2016 fil-kawża fl-ismijiet Rosette Thake u Dottoressa Anna Fenech pro et noe et vs L-Onor. Prim Ministru et (Rikors Numru 50/2016/1) fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) qalet is-segwenti: "biex jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ prima facie ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-għoti tal-miżura provviżorja sejra ġġib ħsara li ma titreġġax lura fil-każ tiegħu."*

*23. Illi dan ir-raġunament ġie rifless f'provvedimenti oħra bħal provvediment mogħti fit-2 ta' Ġunju 2014 fl-ismijiet Emanuel Camilleri vs. Spettur Louise Calleja et (Rikors Numru 50/2013) fejn ġie spjegat is-segwenti: "Illi l-miżuri provviżorji huma maħsuba biex iżommu milli ssir ħsara li ma tissewwiex lil vittma ta' ksur ta' jedd fundamentali b'tali mod li ma jsir xejn li jista' jxejjen jew inaqqas mill-awtorita' u l-effikaċja tas-sentenza li tingħata dwar l-istess ilment. F'dan ir-rigward, biex jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ prima facie ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-għoti tal-miżura provviżorja sejra ġġib ħsara li ma titreġġax lura fil-każ tiegħu . Għalhekk, m'huwiex biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika jew li mhix ċerta li sseħħ. Minħabba f'hekk, l-għoti ta' provvediment proviżorju f'kawża ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew ċirkostanzi eċċezzjonali li jagħmluh meħtieġ."*

*24. Illi l-istħarriġ li trid tagħmel il-Qorti sabiex tiddetermina jekk l-għoti ta' miżura interim hijiex mistħoqqa huwa spjegat fis-sentenza HSBC Bank (Malta) p.l.c. vs L-Avukat tal-Istat et (Rikors Numru 227/2019) fejn il-Qorti għamlet lista ta' l-elementi u tat spjegazzjoni ta' meta l-Qorti tista' takkorda miżura proviżorja. F'dan il-provvediment ingħad hekk: "Mill-prattika ta' dawn il-Qrati, jistgħu jinsiltu għadd ta' linji-gwida fl-għoti o meno ta' interim measures. B'mod ġenerali, dawn isegwu l-orjentament tal-Qorti Ewropea, iżda hemm istanzi fejn jagħtu r-rimedji wkoll fejn il-Qorti ta' Strasburgu aktarx ma takkordax interim measures:*

> *1. Ir-rimedju jingħata biss meta ma jkun hemm l-ebda rimedju ordinarju a disposizzjoni tar-rikorrent.*
> *2. Biex ikun jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ prima facie ta' ksur ta' jedd fundamentali. Mhux biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika jew li mhux ċerta li sseħħ*
> *3. Tkun sejra sseħħ ħsara li ma tkunx tista' titreġġa' lura għall-interessi vitali tal-parti kkonċernata jew għall-perkors tal-eżami li l-Qorti jkun jinħtiġilha tagħmel.*
> *4. Ingħad f'dan il-kuntest li l-għoti tal-interim order jingħata biss eċċezzjonalment f'każijiet ta' "urġenza estrema". 10 [...] 4. L-eżistenza ta' riskju imminenti, li għalhekk jimmerita t-teħid ta' miżuri urġenti. [...]*

*5. Fil-każ li jkun hemm ġudikat, xorta jista' jingħata r-rimedju proviżorju, iżda biss f'każijiet verament eċċezzjonali."*

*25. Illi l-miżuri ad interim li jintalbu f'dan il-każ kollha jissodisfaw il-kriterji tas-suespost.*

*1. Fir-rigward tal-ewwel kundizzjoni, r-rimedji ordinarji li l-Qorti tinforza s-sentenzi tagħha saru u fir-rigward tal-aċċess għall-portal 'Myschool' saru laqgħat u tentattivi mal-awtoritajiet konċernati bla ma' l-aċċess ġie restawrat.*
*2. Dawn il-miżuri qed jintalbu bħala l-aħħar tentattiv sabiex jiġu esegwiti sentenzi esekuttivi li digà sabu ksur fundamentali tad-drittijiet tar-rikorrenti u biex ir-rikorrenti jkollu aċċess għall-informazzjoni li kellu għal 13-il sena sħaħ u li issa fl-aħħar sena tal-mixja skolastika minn Livell 0 sa 12 ir-rikorrenti spiċċa bla aċċess u li kieku wieħed jistenna l-esitu sħiħ tal-kawża, il-merti jilħqu jiġu eżawriti kif qed jiġri b'kull ġurnata li tgħaddi. Din hi realtà u mhux ipoteżi. Kull ġurnata li tgħaddi hi permanentement mitlufa.*

*3. Il-ħsara serja, irrimedjabbli u irrevokabli hi evidenti. Fil-każ tal-minuri l-kbir, b'lezjoni li ilha kważi sentejn deċiża mill-QEDB u li issa għalaq 16-il sena, hu ċar tal-ħsara li saret, anzi issa hemm bżonn li l-minuri jitwaqqaf milli jkompli jagħmel ħsara għalih b'interpretazzjoni żbaljata fil-liġi kif qed jiġri fuq it-talba metru ewlieni f'din il-kawża.*

*4. L-urġenza hi estrema u evidenti fid-dawl tas-suespost. Jekk il-minuri jilħaq jispiċċa l-iskola sa tmiem il-kawża, il-mertu prinċipali jkun eżarwit u ma jistax jinġieb lura.*

*5. Dan il-każ hu każ eċċezzjonali fejn għandek sentenza tal-QEDB u tal-Qorti Kostituzzjonali li fil-perm tagħhom għadhom mhux infurzati fir-rigward tal-minuri in kwistjoni u r-rimedju mitlub jiġi eżarwit b'kull ġurnata li tgħaddi.*

*26. Illi f'dan il-każ odjern, il-ġist tal-miżuri ad interim huwa li r-rikorrenti missier jkompli jgawdi l-aċċess tal-portal 'Myschool' kif kien igawdi sa Jannar 2023, jiġifieri sa qabel mal-minuri in kwistjoni għalaq 16-il sena. Dan għaliex il-ħsara li tkun saret fir-rigward tal-missier rikorrenti hi ferm ikbar jekk jinstab li għandu raġun mingħajr ma jkun ngħata aċċess proviżorju, milli l-ħsara li ipotetikament tkun saret jekk wara li jingħata l-miżura ad interim u wara jinstab li m'għandux raġun fl-aħħar ta' dan il-proċess. Hija probabbilità reali illi jekk r-rikorrent jingħata raġun wara appell jew xi rinviju preliminari lill-QĠUE jew proċeduri ġodda fil-QEDB, il-minuri ma jkunx għadu jattendi St Martin's College Sixth-Form.*

*C. Spjegazzjoni tal-leżjonijiet u motivazzjoni għat-talbiet*

*27. Illi Artikolu 7 tal-AL 586.7 qatt ma jista' jiġi nterpretat f'iżolament. Għalkemm dan il-provediment jagħti lil minuri ta' 16-il sena ċertu indipendenza għal dak li jirrigwarda data tagħhom, dan ma jfissirx li din il-leġislazzjoni sekondarja waħidha tkun qed tabroga l-liġijiet ċivili kollha għal dak li għandu x'jaqsam ma' awtorità tal-ġenituri kif protetta fil-Kodiċi Ċivili (Kap 16) kif ukoll id-drittijiet tal-ġenituri, f'dan il-każ tar-rikorrent kif protetti fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.*

*28. Illi di più, fil-kawża odjerna, Artikolu 7 tal-AL 586.7 jrid jiġi interpretat fl-isfond tal-kawża li tinvolvi r-rikorrent tal-QEDB I.S. & Others v Malta (app. 9410/20). F'dan il-każ l-Istat Malti suppost qed jagħmel dak kollu possibli biex jirrijunifika l-iben ta' 16-il sena mar-rikorrenti, iżda f'dan il-każ qed jiġri bil-maqlub, jiġifieri l-Istat qed jarma lill-minuri vittma t'aljenazzjoni b'arma (jiġifieri Artikolu 7 tal-AL 586.7) biex ineħħi l-aċċess lir-rikorrenti għall-kont fil-'Myschool'. Wieħed jifhem li l-iskola trid timxi mal-istruzzjonijiet tal-awtoritajiet tal-Istat u allura l-Istat huwa responsabbli. B'din l-interpretazzjoni ta' Artikolu 7 tal-AL 586.7 l-Istat qed imur kontra s-sentenza tal-QEDB msemmija fuq u kontra l-ordni tal-esegwibilità tagħha mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Marzu 2022.*

*29. Illi anke' jekk wieħed jiffoka biss fuq tifsira litterali ta'Artikolu 7 tal-AL 586.7, huwa ċar li din mhux qed tkun konformi mar-Regolament (UE) 2016/679 innifsu. Dan għaliex imkien fir-Regolament, lanqas f'Artikolu 7 tal-imsemmi Regolament m'hemm li minuri ta' sittax-il sena għandhom id-dritt li jġibu fix-xejn l-awtorità parentali għal dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni li jkun hemm f"Myschool'. Il-kummentarji uffiċċjali li wieħed isib onlajn dwar il-GDPR kollha jispjegaw li Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2016/679 jagħti ċertu awtonomija lill-minuri ta' 16-il sena għal dak li għandhom x'jaqsmu per eżempju ma' media soċjali eċċ iżda mhux li r-Regolament tal-UE jista' jintuża biex titneħħa l-awtorità parentali għal dak li għandu x'jaqsam ma' infomazzjoni f'portals bħal 'Myschool'.*

*30. Illi għalhekk Artikolu 7 tal-AL 586.7 li ġie promulgat BISS minħabba l-implimentazzjoni ta' Regolament (UE) 2016/678 (kieku ma jaqax taħt kapitolu 586 tal-Liġijiet ta' Malta), qed imur 'l hinn minn dak ipprovdut fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2016/678 u b'hekk qed jinbidel l-iskop tar-Regolament tal-UE. Regolament tal-UE japplika direttament fl-intier tiegħu fl-Istati Membri tal-UE b'mod uniformi fl-Istati Membri kollha u Malta bħala Stat Membru, waqt l-implimentazzjoni tiegħu ma tistax tilleġiżla 'l hinn mill-parametri tar-Regolament b'mod li r-Regolament jiġi applikat differenti fl-Istati Membri. Dan ġie stabbilit mill-QĠUE fil-każ Variola 34/73. Għalhekk l-interpretazzjoni ta' Artikolu 7 tal-AL 586.7 (liġi lokali) qed imur kontra l-interpretazzjoni u l-animu ta' Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2016/678 u jrendi l-applikazzjoni ta' Artikolu 7 tal-AL 586.7 bħal irritu u null.*

*31. Illi għalhekk Artikolu 7 tal-AL 586.7 qed jikser id-drittijiet fundamentali protetti minn Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għax din il-liġi sekondarja domestika qed issir fl-implimentazzjoni tar-Regolament tal-UE u skont Artikolu 7 tal-imsemmija Karta, d-dritt Ewropew iħares id-dritt tal-familja, f'dan il-każ qed jintuża biex jikser id-dritt tar-rikorrenti missier li jżommu kuntatt u jkollu informazzjoni passata u preżenti dwar il-passaġġ ta' ibnu fl-iskola mill-kindergarten sas-sixth-form, (Livelli 0 sa 12).*

*32. Illi skont diversi ġurisprudenza tal-QĠUE, huwa prinċipju ġenerali li jorbot lill-Istati Membri, li liġi tal-UE jew liġi domestika li tkun qed timplimenta liġi tal-UE, qatt ma tista' tkun kontra d-drittijiet protetti mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, f'dan il-każ Artikolu 8 tal-istess Konvenzjoni.*

*33. Illi Artikolu 8 tal-Konvenzjoni kif ukoll s-sentenza tal-QEDB favur l-esponent jissalvagwadaw id-dritt tal-familja tar-rikorrent 'l hinn mid-dritt Ewropew. L-Istat Malti għandu obbligu li jħares li ma jkunx hemm leżjoni tal-imsemmi Artikolu 8 li f'dan il-każ, għalhekk Artikolu 7 tal-AL 586.7 qed jikser id-dispożizzjoni tal-istess Konvenzjoni Ewropea billi qed jintuża li jxekkel id-dritt tal-missier rikorrenti li jkollu informazzjoni ppubblikata f''Myschool'.*

*34. Illi jekk din l-Onorabbli Qorti ssib kontra t-talbiet dwar Artikolu 7 tal-AL 586.7, u allura l-Istat Malti jkun mexa ma' Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2016/678 u Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea, allura jkun ir-Regolament (UE) 2016/678 innifsu li jkun qed jikser Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*35. Illi f'umli fehma tar-rikorrenti, f'dan il-każ kemm skont Artikolu 267 TFUE kif ukoll skont il-linji ta' gwida dwar ir-rinviji preliminarji, (Rakkomandazzjonijiet lill-qrati nazzjonali, dwar l-introduzzjoni ta' talbiet għal deċiżjoni preliminari (2019/C 380/01)) jkun prudenti li jsir rinviju lill-QĠUE minħabba li dan il-punt hu dwar interpretazzjoni u applikazzjoni ta' Regolament li għandu jiġi interpretat b'mod uniformi fl-UE kollha u għalhekk, għandu jssir rinviju lill-QĠUE biex ikun possibli li ssir ġustizzja mar-rikorrent skont il-liġi tal-UE u li mhux f'Malta jiġi interpretat mod u fi Stat Membru ieħor jiġi nterpretat differenti, u dan sabiex Stati Membri u istituzzjonijiet Ewropew jkollhom ċans jintervjenu quddiem il-QĠUE għall-integrità tal-interpretazzjoni u ċ-ċertezza legali dwar Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2016/678.*

*36. Illi l-iskola konċernata hi privata u hu l-missier rikorrenti li qed iħallas direttament u indirettament miżati li jinkludu s-servizz tal-'Myschool'. Minħabba li dan hu servizz li qed issir ħlas għalih, u mhux qed jingħata minħabba li l-iskola m'għandiex is-serħan tal-moħħ mill-awtoritatjiet konċernati tal-Istat, huwa l-Istat li jrid jagħmel tajjab għar-rimborż parzjali tal-miżati li jinkludu ħlas ta' serivizz li r-rikorrenti mhux qed jirċievi flimkien ma' danni morali.*

*37. Illi di più l-Konvenzjoni Ewropea kemm fl-Artikolu 8 kif ukoll fi provedimenti u protokolli oħra tipproteġi d-dritt tal-familja u d-dinjità tal-bniedem li l-obbligi li jimponu l-liġijiet tal-pajjiż jkunu proporzjonati, ġusti b'rispett lejn id-dinjità tal-persuna.*

*38. Illi tenut kont tal-liġijiet ta' Malta (ċivili u kriminali) kif ukoll skont diversi ġurisprudenza lokali, l-obbligu li ġenitur li jkun separat iħallas manteniment lejn uliedu minuri u adulti li għadhom qed jistudjaw jew jitħarġu f'xi sengħa huwa ben stabbilit. Madanakollu filwaqt li l-istat qed*

*jieħu l-miżuri kollha biex dan il-manteniment jitħallas, saħasitra jipprovdi pieni ta' telf ta' libertà skont Artikolu 338z tal-Kodiċi Kriminali, iżda ma teżisiti l-ebda liġi li tipproteġi lill-ġenitur li jkollu d-dritt li jkun jaf kif il-flus li jkun iħallas qed jintefqu tajjeb u jkun jaf kif inhu sejjer akkademikament il-wild adult li jkollu/ha d-dritt li tirċievi manteniment.*

*39. Illi in-nuqqas ta' protezzjoni legali biex persuni li huma bħar-rikorrent, jispiċċaw qishom cash cow jiffinanzjaw l-Istat billi jħallsu għall-edukazzjoni ta' wliedhom u fl-istess ħin l-Istat lanqas jipprovdi mezzi legali biex min iħallas jingħata rendikont ta' kif inhu sejjer akkademikament min qed jirċievi l-flus, huwa insult lejn id-dinjità u l-familja tal-persuna kif protetti minn Artikolu 8 u provedimenti oħra tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Flok jipproteġi li minn hu obligat li jħallas, l-istat jinfurza b'piena biex a tenur tal-GDPR il-wild student adult ma jagħtix informazzjoni dwar il-progress akkademiku lill-ġenitur li hu obbligat li jħallas. Bi ksur għa-dinjità tal-persuna, il-GDPR qed jintuża mill-Istat biex il-wild adult li jkun qed jirċievi il-manteniment ma jinfurmax lill-ġenitur u dan lanqas ma jkunu jistgħu jitolbu data lill-istituzzjoninijiet edukattivi bħall-Università, MCAST u istituzzjonijiet edukattivi oħrajn minħabba Regolament (UE) 2016/678. Dan imur kontra l-Konvenzjoni Ewropea, Artikolu 8 u provedimenti u protokolli oħrajn kif ukoll kontra Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u għalhekk r-Regolament tal-UE ma tistax tintuża biex ixxekkel istituzzjonijiet eduattivi milli jagħtu informazzjoni akkademika dwar adulti lill-ġeniturili jkunu obbligat bil-liġi li jħallsu l-manteniment għall-adulti. Id-dinjità tal-bniedem titlob li obbligu jġib miegħu dritt u dritt iġib miegħu obbligu.*

*40. Illi fil-każ, Brincat & Other v Malta (App 60908/11), il-QEDB sabet ksur ta' Artikoli 2 u 8 talli l-Istat Malti naqas milli jieħu azzjoni kontra l-asbestos u ddeċidiet li m'hemmx għalfejn wieħed jeżawrixxi r-rimedji domestiċi kollha. Illi bl-istess mod il-liġi Maltija u r-Regolament (UE) 2016/678 jkunu qed jagħmlu l-istess jekk ma jipproteġux id-dritt li ġenitur jsegwi l-progress akkademiku ta' adult jekk il-liġi domestika tobbligah (anke taħt piena ta' ħabs jekk ma jħallasx) biex iħallas manteniment biex il-wild adult ikun jista' jistudja. Id-dritt għall-protezzjoni tad-data fih innifsu hu tajjeb, iżda r-Regolament u l-liġi li qed timplimentah mhux qed issib bilanċ bejn il-wild adult u l-ġenitur f'każijiet bħal dawn. In-nuqqas ta' bilanċ hu ksur tal-obbligi tal-Istat li jsib bl-istess mod kif l-Istat Malti nstab li kiser il-Konvenzjoni Ewropea meta ma ħax azzjoni dwar l-asbestos fil-każ ċitat fuq.*

*41. Illi bħal fil-każ ta' Brincat, l-istess mod ta' kif Malta naqset milli tirrikonoxxi l-ħsara li tikkawża l-asbestos, l-Istat Malti u r-Regolament tal-UE jkun qed jonqos bi ksur tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE milli tirrikonoxxi l-ħsara li tista' tiġi kkawżata lill-ġenitur obbligat li jħallas manteniment jekk dan l-obbligu ma jkunx ibbilanċjat bid-dritt tal-informazzjoni."*

6. Il-**Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data** ressaq is-segwenti eċċezzjonijiet:

> *"1. Illi fit-2 ta' Marzu 2023, il-Kummissarju ghall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data ("Kummissarju") rċieva mistoqsija generali permezz ta' email minghand avukat ghan-nom ta' skola privata fejn talbu gwida rigward kwistjoni speċifika. L-avukat spjegat illi l-iskola privata rċeviet talba minn wiehed mill-istudenti li ghandu sittax (16)-il sena sabiex jirtira l-kunsens tieghu, u ghaldaqstant, ma jhallix aktar lill-iskola taqsam ir-rekords akkademiċi tieghu ma' wiehed mill-genituri tieghu. L-avukat talbet lill-Ufficcju jikkonferma li skont ir-Regolament Generali dwar il-Protezzjoni tad-Data ("Regolament (UE) 2016/679"), l-età tal-kunsens hija dik ta' sittax (16)-il sena, u b'hekk suggett tad-data ta' sittax (16)-il sena jista' jirtira l-kunsens tieghu fi kwalunkwe hin u illi l-iskola trid tikkonforma mat-talba;*
>
> *2. Illi fl-istess gurnata, il-Kummissarju rrisponda ghal din il-mistoqsija generali billi rrefera ghal-Ligi Sussidjarja 586.07 (Regolamenti dwar -Ipproċessar ta' Data Personali fis-Settur tal-Edukazzjoni) ("Liġi Sussidjarja 586.07"), speċifikament ghar-regolament 7, li jistabbilixxi li l-età tal-kunsens ghall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti hija ta' Sittax (16)-il sena. Il-Kummissarju żied ukoll li l-kundizzjonijiet tal-kunsens previsti fl-artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2016/679 ghandhom japplikaw (Dok. A);*
>
> *3. Illi fit-8 ta Marzu 2023, ir-rikorrent baghat email direttament lill-Kummissarju, fejn stqarr li ghandu kwistioni ma' St Martin's College Sixth-Form, dwar -interpretazzjoni tar-Regolament UE) 2016/679.*
>
> *4. Illi r-rikorrent annessa ukoll email li kien baghat lill-iskola fl-istess jum, li tirrifletti li ibnu ta struzzjonijiet lill-iskola biex inehhi dan l-aċċess ghal 'MySchool' u ghalhekk, la jista' jkun jaf min huma l-ghalliema tieghu, la ghandu aċċess ghar-riżultati tal-ezamijiet, u lanqas ghal-avviżi tal-iskola. Ir-rikorrent sostna li l-aċċess tieghu tnehha t-24 ta' Frar 2023, u li tnehha wara li l-iskola talbet parir minghand l-avukati taghha u l-Kummissarju. Ir-rikorrent gieghed isostni illi r-raġunament li ntuża kien l-argument tal-Kumissarju illi minuri ta' sittax (16)--il sena ghandu d-dritt li jitlob lill-iskola sabiex timblokka lir-rikorrenti minn 'MySchool';*
>
> *5,Illi fit-13 ta' Marzu 2023, il-Kummissarju wieġeb lir-rikorrent bl-ghażla li jiffaċilita laqgha bejn il-partijiet u ċioe, bejn l-iskola St. Martin's College Sixth-Form u l-attur innifsu sabiex jiddiskutu u jiċċaraw il-kwistjoni (Dok. B);*
>
> *6. Illi l-laqgha bejn ir-rikorrent, il-Kummissarju u r-rappreżentanti tal-iskola saret online fil-15 ta' Marzu 2023 fis-l pm, fejn il-Kummissarju spjega illi l-kwistjoni li kien qieghed iqajem ir-rikorrent, u cioe' din tal-aċċess ghas-sistema 'MySchool, la taqa u lanqas tinkwadra taht il-ligi*

*tal-protezzjoni tad-data, stante l-fatt illi l-Ligi Sussidjarja 586.07 tipprovdi b'mod adempjanti fejn ghandu japplika l-kunsens tal-istudent meta jaghlaq sittax (16)-il sena sabiex iservi bhala bażi ghall-ipproċessar;*

*7. Illi ġie enfasizzat ukoll li d-deċiżjoni li jitwaqqaf tali aċċess kienet unikament tal-iskola, u jekk l-iskola ma kinitx ser tirrikonsidra l-pożizzjoni taghha, ċertament ma setghetx tuża l-ligi dwar il-protezzjoni tad-data bhala bażi ghal din id-deċiżjoni. Il-Kummissarju ghalaq din il-laqgha illi heggeg lill-iskola sabiex tqajem din il-kwistjoni mal-awtoritajiet edukattivi sabiex possibbilment tinstab soluzzjoni legali li eventwalment tapplika b'mod orizzontali mal-iskejel post-sekondarji kollha;*

*<u>Eċezzjonijiet</u>*
*8 Illi l-Kummissarju jqajem l-eċezzjoni illi rikors tar-rikorrent ghandu jigi ddikjarat null. Dan ghaliex ir-rikorrent ma indikax in-natura tal-kawża odjerna, u fuq liema artikoli tal-ligi qieghed jibbaża t-talbiet tieghu, billi r-rikors promotur huwa vag u m'hu msejes fuq l-ebda artikolu definit mill-ligijiet nostrana;*

*<u>L-Isfond</u>*
*9. Illi preliminarjament il-Kummissarji m'huwiex il-leġittimu kontradittur u stante diversi raġunijiet;*

> *i. Illi fl-evwwel lok, il-Kummissarju ma rċieva l-ebda ilment mingħand ir-rikorrent, tant illi ma nghatat l-ebda deċiżjoni dwar il-mertu tal-każ odjern, jew gie eżerċitat xi wiehed mill-poteri tieghu hekk kif sanċit fl-artikolu 58 tar-Regolament (UE) 2016/679, u ghalhekk fir-rigward tal-ewwel u t-tieni talba manghatat l-ebda interpretazzjoni ufficjali tar-regolament 7 tal-Liġi Sussidjarja 586.07 mill-Kummissarju;*
>
> *ii. Illi fit-tieni lok, ma kienx il-Kummissarju li ha d-deċiżjoni, waqqaf jew illimita b'xi mod l-aċċess tar-rikorrent minn fug is-sistema MySchool ', u mkien ma jirriżulta fil-ligi li l-Kummissarju ghandu xi setgha li jirristitwixxi dan l-aċċess;*
>
> *iii.Illi di piu' u minghajr preġudizzju ghas-suespost, korrispondenza generali permezz ta' emails jew/u pariri li jistghu jinghataw mill-Kummissarju jew l-Ufficcju, b'risposta ghal mistoqsijiet ġeneriči ma jammontawx ghal deċiżjonijiet legalment vinkolanti, u intant la r-Regolament (UE) 2016/679 u lanqas il-Kap. 586 ma jipprovdu rimedju amministrattiv jew gudizzjarju f'dan ir-rigward.*
>
> *iv.Illi dan huwa msahhah minn disclaimer inkluż fkull email li jintbaghat mill-Ufficcju tal-Kummissarju fejn jigi ppreċiżat li l-emails b'opinjonijiet u paririm'humiex deċiżjonijiet vinkolanti;*

*Illi ghaldaqstant m'hemm l-ebda konnessjoni jew relazzjoni guridika bejn il-Kummissarju u r-rikorrent, u dan ikompli jikkonferma li l-Kummissarju m'huwiex il-legittimu kontradittur u ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju;*

*10. Illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tistharreg din il-kawża akkont tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-proviso tal-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta Malta stante illi r-rikorrent qieghed jadopera proċedura straordinarja bhal ma hija l-proċedura odjerna bla ma utilizza ir-rimedji ordinarji għad-dispożizzjoni tiegħu. Ir-rikorrenti kellu bosta rimedji ordinarji pprovduti fil-liġi, fosthom id-dritt li jressaq ilment qudddiem il-Kummissarju ai termini tal-artikolu 77(1) tar-Regolament 2016/679, id-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv kontra l-kontrollur skont l-artikolu 79 tar-Regolament 2016/679, u kif ukoll azzjoni għad-danni kontra l-kontrollur quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili a tenur tal-artikolu 30(2) tal-Kap. 586 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*11.Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-kawża tar-rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt, u dan għaliex il-Liġi Sussidjarja 586.07 ma tirrikjedix hija infondata fil-fatt u fid-dritt, u dan għaliex il-Liġi Sussidjarja 586.07 ma tirrikjedix il-kunsens tal-istudent sabiex tiġi ppročessata data personali tal-istudent għal fini ta' monitoraġġ tal-progress akkademiku li jinkludi data dwar l-avvanz akkademiku, tal-eżamijiet u , jew riżultati tal-assessjar assoċjati mal-istudenti;*

*12. Illi skont l-Liġi Sussidjarja 586.07, l-kunsens jista' jinkiseb mill-istudenti li jkunu għalqu l-eta ta' sittax-il sena f'dan l-istanzi biss: (i) wara l-implimentazzjoni u s-servizzi speċjalizzati konformi mal-politika mmirata jkunu ingħataw, jekk id-data ma tiġix anonimizzata; (ii) meta l-ipproċessar ikun relatat ma attivitajiet informali; (iii) meta l-istituzzjonijiet edukattivi ser jipproċessaw immaġini viżivi; (iv) qabel ma tiġi żveloata data personali lil ċerti terzi persuni; u (v) meta r-riċerka tkun meħtieġa minn entitajiet oħra li mhumiex l-awtoritajiet edukattivi skont ir-regolament 2, u d-dettalji li jiddentifikaw studenti huma meħtieġa għal skopijiet tar-riċerka inkwistjoni;*

*13.Illi anke għas-saħħa tal-argument u għas-saħħa tal-argument biss, ir-rikorrent għandu xi dritt għall-aċċess fuq is-sistema 'My School' dan l-allegat nuqqas ta' aċċess ċertament ma jammontax għal leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu taħt artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bneidem. Fi kwalunkwe każ, l-allegat leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent ma saritx da parte tal-Kummissarju jew fuq xi ordnijiet tiegħu, u dan għaliex il-Kummissarju ma eżerċita l-ebda poter korrettiv fir-rigward tal-ipproċeesar tad-data;*

*14.Illi fir-rigward tat-tielet talba tar-rikorrenti, il-Kummissarju fl-ebda ħin u okkażjoni ma dderieġa jew ordna xi skola u/jew entitajiet oħrajn sabiex ir-rikorrenti jitneħħielu l-aċċess tas-sistema 'MySchool'.*

*15.Illi loġikament isegwi għalhekk li l-Kummissarju lanqas ma għandu jwieġeb għas-sitt talba billi l-porta 'MySchool' mhux imħaddem jew qiegħed jiġi operat minnu, u di pu' m'huwiex ir-reċipjent tal-miżati mħallsa;*

*16. Illi lanqas ma hemm bażi fattwali jew legali il-għaliex għandu jkun hemm xi likwidazzjoni ta' danni morali, speċjalment fil-konfront tal-Kummissarju, billi xejn mill-aġir tal-Kummissarju fil-kariga uffiċjali tiegħu ma wassal sabiex il-missier, u ċioe' r-rikorrent jiġi b'xi mod imċaħħad milli jeżerċita' l-awtorita' parentali fuq ibnu, u di piu' lanqas ma l-Kummissarju għandu xi, saħħa jew poter li jiddeċiedi fuq materji bħal dawn;*

*17. Illi t-talba għall-likwidazzjoni ta' danni għandha tiġi rrifjutata wkoll stante illi, kif diġa suespost iżjed 'il fuq, ir-rikorrent kellu kull ċans għal dan ir-rimedju kontra l-kontrollur skont l-artikolu 30(2) tal-Kap 586 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*18. Illi fid-dawl tas-suespost, it-talbiet kollha tal-attur għandhom jiġu respinti fl-intier tagħhom, bl-ispejjeż kontra l-istess attur.*

*19. Salv kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa."*

7. Rat ir-risposta tal-**Ministru tal-Edukazzjoni**, illum illiberat mill-osservanza tal-ġudizzju. Riprodott hawn l-eċċezzjonijiet milqugħa mill-Ewwel Qorti:

*<<..1. Illi l-eċċepjenti ma hux il-legittimu kuntradittur, u dan ai termini ta' l-Artikolu 17(8) tal-Kap. 595 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*...*

*7. Illi bla preġudizzju għas-suespost, din il-kawża hi waħda prematura u intempestiva għall-aħħar, u ċertament ir-rikorrenti ma eżawriex ir-rimedji ordinarji a dispozizzjoni tiegħu, Kif diġa ġie spjegat iktar qabel, il-Kummissarju intimat qatt ma ta "parir" lill-iskola in kwistjoni u d-deċiżjoni sabiex jitneħħa l-aċċess li r-rikorrent kellu fuq MySchool fir-rigward tal-minutri kienet riżultat ta' talba tal-istess minri u deċiżjoni aħħarija tal-istess skola. Ir-rikorrent kellu – u għandu – kull jedd li jitlob lill-istess skola jiġi reintegrat b'dan l-aċċess. F'każ ta' rifju min-naħa tal-iskola, ir-rikorrent għandu diversi rimedji li jista' jutilizża.*

*L-ewwelnett, jekk ir-rikorrent qiegħed jippretendi li ġie leż xi dritt tiegħu emanenti mir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, peress li din hi liġi b'direct effect fis-sistema legali nostrana, huwa għandu kull jedd jinvokah direttament f'kawża appożita kontra l-kontrollur tad-data, ossia l-iskola, biex jiġi reintegrat fl-aċċess li hu tilef.*

*Alternattivament, ir-rikorrenti għandu kull jedd jitlob lill-Kummissarju intimat jieħu deċiżjoni fuq jekk ir-rifjut tal-iskola huwiex ġustifikat. Jekk ir-rikorrent ma jaqbilx mad-deċiżjoni tal-Kummissarju, hu għandu jedd li jappella tali deċiżjoni quddiem it-Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data u saħansitra quddiem il-Qorti ta-Appell ekk ma jaqbilx mad-deċiżjoni tal-istess Tribunal.*

*Ir-rikorrent ma jistgħax jiġi quddiem din il-Qorti, u mingħajr lanqas kien hemm deċiżjoni tal-Kummissarju ibbażata fuq il-liġi li qed jattakka r-rikorrent, jgħid li l-liġi qegħda tikser xi drittijiet fundamentali tiegħu. Fi ftit kliem, ir-rikorrent għandu numru ta' rimedji ordinarji, xiera u effettivi li permezz tagħhom jista' jqajjem l-argument tiegħu għala għandu jkollu aċċess għal MySchool iżda ma utliżża ebda waħda minnhom. Konsegwentement, din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli teżeċita s-setgħat tagħha ai termini tal-proviso tal-Artikolu* 4(2) *tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta.>>*

8. Rat ir-risposta tal-**Avukat tal-Istat** li qed tiġi riprodotta *in parte* hawn:

*<<... Huwa f'dan l-istadju li l-verżjoni mogħtija mir-rikorrent hi kkontestata. Sa fejn jaf l-esponent, ġara s-segwenti.*

*St. Martin's College Sixth Form ikkomunikat mal-Kummissarju intimat b'domanda ġenerika dwar kunsens u l-ipproċessar tad-data minn studenti ta' sittax-il (16) sena. Domanda ġenerika tixirqilha tweġiba ġenerika u għalhekk l-iskola ġiet imfakkra f'dak dispost mil-L.S. 586.07, Regolamenti dwar l-Ipproċessar ta' Data Personali fis-Settur tal-Edukazzjoni, fejn hu speċifikat fir-Regolament 7 li kull student li: "kull student li għalaq is-sittax-il sena għandu jkun eliġibbli li jagħti l-kunsens, kif meħtieġ b'dawn ir-regolamenti, u biex jeżerċita d-drittijiet kollhataħt il-Kapitolu III tar-Regolament."*

*Il-Kummissarju intimat ma ngħata ebda ħjiel dwar verament għaliex kienet qed issir id-domanda. Ma kien hemm ebda għarfien li din il-kwistjoni kienet tikkonċerna l-aċċess ta' ġenitur għal informazzjoni fuq ibnu. Il-Kummissarju intimat ipprovda risposta fuq sempliċiment x'tgħid il-liġi. Ma ta ebda "parir" fuq x'għandha tagħmel l-iskola vis-à-vis it-talba tat-tifel.*

*Mhux talli hekk, iżda talli fil-kwistjoni li dwarha qed jilmenta minnha r-rikorrent – l-aċċess tiegħu għar-riżultati tat-tifel – il-kunsens tal-minuri o meno huwa rrilevanti. Il-Kummissarju intimat qatt ma ntalab jeżamina jekk ir-rikorrent għandux ikollu aċċess għal MySchool in vista tal-oppożizzjoni tat-tifel, u wisq anqas ma ta xi forma ta' rakkomandazzjoni jew parir biex ir-rikorrent ma jkollux dan l-aċċess.*

*Kif ser jiġi spjegat aktar 'il quddiem fl-eċċezzjonijiet, il-liġi ma tagħti ebda jedd lil minuri jċaħħdu lill-ġenituri tagħhom minn informazzjoni dwar l-andament akkademiku tagħhom.*

*Iċ-ċaħda tar-rikorrent mis-sistema MySchool għalhekk hi riżultat ta' miżinterpretazzjoni tal-Liġi min-naħa tal-iskola li ppreferit taġevola lit-tifel, u tevita inkwiet miegħu, milli tħares lejn l-obbligi kollha tagħha taħt il-Liġi.*

*<u>L-Eċċezzjonijiet</u>*
*16. Illi preliminarjament, in vista tal-fatt li l-premessi u t-talbiet fir-rikors promotur jirrigwardaw u potenzjalment jolqtu d-drittijiet u obbligi ta' terzi, sabiex il-ġudizzju jkun integru jeħtieġ li tiġi kjamata fil-kawża d-Direttur ta' St. Martin's College Sixth Form. Din il-materja għandha tiġi indirizzata minnufih peress li, lil hinn mill-mertu tal-kawża, ir-rikorrent qiegħed jitlob il-ħruġ ta' rimedji provviżorji li jolqtu direttament l-operat tal-iskola.*

*17. Illi in kwantu għat-talbiet tar-rikorrent għal rimedju provviżorju – senjatament it-tielet talba biex ir-rikorrent jingħata aċċess in kwantu għall-minuri in kwistjoni fuq il-portal Myschool – l-esponent qiegħed jopponi għal dan u qiegħed jagħmel is-segwenti kunsiderazzjonijiet.*

*Fuq l-iskorta tal-insenjament tal-ġurisprudenza tal-Qrati nostrana, jinkombi fur ir-rikorrent li juri:*

*i. li għandu dritt prima facie li nkiser; u*
*ii. li ser tiġi kkaġunata ħsara rrimedjabbli f'każ li ma tinħariġx il-miżura provviżorja.*

*Dawn iż-żewġ rekwiżiti huma kumulattivi u mhux alternattivi bil-konsegwenza li għandhom jiġu sodisfatti t-tnejn li huma sabiex it-talba tar-rikorrent tiġi milqugħa inn din l-Onorabbli Qorti.*

*Fir-rikors promotur, id-dritt prima facie li r-rikorrent qiegħed jallega li ġie leż jew ser jiġi leż huwa l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Għandu jiġi mfakkar li talba għall-ħruġ ta' rimedju provviżorju hi eċċezzjonali u tintuża biss jekk hemm kwistjonijiet li jinvolvu allegazzjoni ta' leżjoni tad-dritt tal-ħajja kif protett bl-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni, jew ta' tortura kif protett bl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni. Ċertament li f'dan il-kuntest ma rriżulta jew ma hu ser jirriżulta xejn minn dan u l-fatt li r-rikorrent ma għandux aċċess għall-MySchool ma jissarrafx għal ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu. Fuq kollox, ir-rikorrent ma weriex x'ser tkun il-ħsara rrimedjabbli li tiġġustifika l-ħruġ ta' miżura provviżorja.*

*Bħala prinċipju ta' dritt, l-għoti ta' rimedju provviżorju m'għandiex tkun ir-regola kull meta jkun hemm allegazzjoni ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, tkun xi tkun. Pjuttost bil-kontra, rimedji*

*provviżorji għandhom jingħataw biss f'każijiet estremi u eċċezzjonali. Hekk per eżempju, l-awtriċi Karen Reid fil-ktieb tagħha, A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights tgħid:*

*"As a general practice, (interim) measures are applied only when there is an apparent real and imminent risk of irreparable harm to life and limb (cases under article 2 and 3) … Matters of detention or interference with property, for example are not regarded as necessating interim measures."*

*Dan il-prinċipju huwa mħaddan sew fil-ġurisprudenza tagħna. Hekk per eżempju fil-provvediment mogħti fl-ismijiet Angelo Frank Paul Spiteri vs. L-Avukat Ġenerali,15 il-Qorti Kostituzzjonali osservat:*

*"li f'materja tal-hekk imsejħa interim measures huwa ċar l-insenjament ta' din il-Qorti li tali miżuri għandhom jittieħdu biss f'każijiet ta' urġenza u saħansitra f'każijiet ta' "urġenza estrema" fejn in-nuqqas ta' teħid ta' tali miżuri jirriżulta, jew jazzarda li jirriżulta, fi ħsara irreparabbli għall-interessi vitali tal-parti konċernata jew għall-perkors tal-eżami li l-Qorti jkun jeħtiġilha tagħmel. (Ara Q. Kost. Joseph Camilleri v. Avukat 1/7/2013, li ċċitat b'approvazzjoni mill-ktieb "Theory and Practice of the European Convention on Human Rights" ta' Van Dijk et (4 ediz. 2006, paġna 113)). Din il-Qorti rriteniet ukoll li miżuri ad interim huma indikati f'każijiet eċċezzjonali. (Ara Q. Kost. Joseph Ruggier et v. Joseph Olivier Ruggier et, 22/8/2005 #7, #11 [Q.Kost. Federation of Estate Agents v. Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni), deċiża 25 ta' Settembru 2014]"*

*Huwa paċifiku li sabiex jingħata rimedju provviżorju, irid jintwera li hemm riskju imminenti u reali fuq il-persuna li tkun qed titolbu (ara inter alia Edward Cassar vs. Avukat Ġenerali et maqtugħa mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Frar 2016, Martin Dimech vs. Avukat Ġenerali mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-17 ta' Settembru 2013 u Daniel Alexander Holmes vs. Avukat Ġenerali et mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-16 ta'April 2014).*

*Istanzi fejn talbiet għal rimedju provviżorju ġew miċħuda jinkludu: talbiet għas-sospensjoni ta' ġuri sakemm tiġi deċiża kawża kostituzzjonali,16 talba għas-sospensjoni ta' ordni ta' tneħħija17 u talbiet għal skarċerazzjoni mill-ħabs sakemm jinqatgħu kawżi kostituzzjonali.*

*Magħdud dan kollu għalhekk, li hu żgur huwa li l-każ odjern assolutament mhuwiex wieħed ta' urġenza estrema. L-agħar ipoteżi ta' dan kollu huwa li r-rikorrent ma għandux aċċess għas-sistema ta' MySchool, u huwa assurd li jingħad li din il-kwistjoni għandha titqies bħala ksur tal-jeddijiet fundamentali tar-rikorrent. Konsegwentement, din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad kwalsiasi talba tar-rikorrent għall-ħruġ ta' rimedju provviżorju kif elenkat fit-tielet talba tiegħu.*

*18. Illi lil hinn mill-kwistjoni tal-għoti ta' rimedju provviżorju, din il-kawża hi waħda prematura u intempestiva għall-aħħar. Kif diġà ġie spjegat, il-Kummissarju intimat qatt ma ta "parir" lill-iskola in kwistjoni u d-deċiżjoni sabiex jitneħħa l-aċċess li r-rikorrent kellu fuq MySchool fir-rigward tal-minuri kienet riżultat ta' talba tal-istess minuri u deċiżjoni aħħarija tal-istess skola. Ir-rikorrent kellu – u għandu – kull jedd li jitlob lill-istess skola jiġi reintegrat b'dan l-aċċess. F'każ ta' rifjut min-naħa tal-iskola, ir-rikorrent għandu diversi rimedji li jista' jutilizża.*

*L-ewwelnett, jekk ir-rikorrent qiegħed jippretendi li ġie leż xi dritt tiegħu emanenti mir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, peress li din hi liġi b'direct effect fis-sistema legali nostrana, huwa għandu kull jedd jinvokah direttament f'kawża appożita kontra l-kontrollur tad-data, ossia l-iskola, biex jiġi reintegrat fl-aċċess li hu tilef.*

*Alternattivament, ir-rikorrent għandu kull jedd jitlob lill-Kummissarju intimat jieħu deċiżjoni fuq jekk ir-rifjut tal-iskola huwiex ġustifikat. Jekk ir-rikorrent ma jaqbilx mad-deċiżjoni tal-Kummissarju, hu għandu jedd li jappella tali deċiżjoni quddiem it-Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data u saħansitra quddiem il-Qorti tal-Appell jekk ma jaqbilx mad-deċiżjoni tal-istess Tribunal.*

*Fi ftit kliem, ir-rikorrent għandu multipliċità ta' rimedji ordinarji, xierqa u effettivi li permezz tagħhom jista' jqajjem l-argument tiegħu għala għandu jkollu aċċess għal MySchool iżda ma utilizża ebda waħda minnhom. Konsegwentement, din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha ai termini tal-proviso tal-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*19. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, sa fejn l-azzjoni odjerna hi msejsa fuq allegat ksur tal-Artikolu 7 tal-Karta, din l-azzjoni ma tistax tirnexxi peress li kellha titmexxa permezz ta' rikors ġuramentat (ara Mariama Ngady Parsons vs. L-Aġenzija għal Protezzjoni Internazzjonali et19).*

*In linea mal-premess, l-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) talbiet huma kompletament improponibbli, filwaqt li l-ħames (5) talba hi parzjalment improponibbli peress li huma msejsa fuq allegat ksur tal-Karta meta s-setgħat ta' din l-Onorabbli Qorti huma kjarament delineati fl-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jħares l-artikoli 33 sa 45 (magħdudin) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4 tal-Kap. 319 li jħares l-Artikoli 2 sa 18 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Protokolli msemmija fl-Artikolu 2 tal-istess Kap. 319. Fl-istess tema, referenza ssir għal-L.S. 12.09 li kjarament tgħid kif rikors kostituzzjonali għandu jirreferi għall-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni, u mhux il-Karta.*

*Apparti minn hekk, dak li r-rikorrent qiegħed jitlob huwa analiżi ta' jekk ir-Regolament 7 tal-L.S. 586.07 huwiex konformi mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-*

*moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data). Din il-materja ċertament tmur lil hinn mill-kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti li, kif diġà ngħad, hi ristretta għal jekk seħħewx ksur tal-jeddijiet fundamentali sanċiti mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni.*

*20. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, u fil-mertu, assolutament ma seħħet ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent. Kif diġà ġie spjegat, l-awtoritajiet Maltin u l-liġi impunjata assolutament b'ebda mod ma jxekklu l-jedd tar-rikorrent bħala ġenitur biex ikun mgħarraf u involut fil-progress akkademiku ta' ibnu minuri. Dak li seħħ kien żball min-naħa tal-iskola fl-interpretazzjoni tal-obbligi tagħha bħala kontrollur tad-data. Mingħajr tlaqlieq, ir-rikorrent, bħal kwalsiasi ġenitur ieħor bis-setgħa tal- ġenitur, għandu jedd ikun jaf kif sejjer ibnu fl-iskola u l-L.S. 586.07 b'ebda mod ma tikkontradixxi s-setgħa tal-ġenitur kif definit fil-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Il-L.S. 586.07 tirregola kif istituzzjonijiet edukattivi għandhom iżommu, jipproteġu u jipproċessaw id-data personali tal-istudenti u saħansitra anke ġenituri. Dak li tagħmel din il-liġi sussidjarja hi li tirregola r-relazzjoni bejn l-istudent bħala data subject (u għandu jingħad li f'xi ċirkostanzi anke l-ġenituri nfushom huma data subjects), l-iskola bħala d-data controller u terzi. Il-ġenituri tal-istudent qatt ma huma kkunsidrati bħala merament terzi, anzi huma ripetutament msemmija bħala l-persuni li jiddeċiedu għall-istudent li dejjem jibqa' d-data subject li għandu jiġi protett.*

*F'diversi istanzi, l-L.S. 586.07 espliċitament jelenka meta l-kunsens tad-data subject hi meħtieġa sabiex data tkun proċessata, u meta dak il-kunsens ma huwiex meħtieġ. Imkien ma hemm xi dispożizzjoni li tgħid, jew li tagħti x'tifhem, li l-minuri għandu jedd li jċaħħad lill-ġenituri tiegħu milli jkollhom informazzjoni dwar l-andament akkademiku tiegħu.*

*Fid-dawl ta' dan, u kif ser jirriżulta mill-provi waqt it-trattazzjoni tal-każ, iċ-ċaħda tar-rikorrent mis-sistema MySchool kien unikament ir-riżultat ta' żball tal-iskola li aċċettat it-talba tal-minuri meta din kienet legalment infondata.*

*Ladarba l-materja li dwarha r-rikorrent hi riżultat ta' aġir ta' organiżazzjoni li ma tiffurmax parti mill-Gvern jew mill-Istat Malti, u ma hiex riżultat tat-tħaddim ta' liġi, għalhekk biss it-talbiet tiegħu ma jistgħux jiġu milqugħha.*

*21. Ir-rikorrent jallega li s-sitwazzjoni li jinsab fiha, cioè ċ-ċaħda tiegħu mis-sistema MySchool qed tissarraf fi ksur tiegħu tal-jedd fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja kif delineati fl-Artikolu 7 tal-Karta u l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Filwaqt li l-esponent itenni li l-Istat Malti u l-liġi applikabbli ma kellhom ebda involviment jew applikazzjoni avversa fil-konfront tar-rikorrent, anke kieku, għall-grazzja tal-argument*

*biss, iċ-ċaħda tar-rikorrent mis-sistema MySchool ma tikkostitwixxix ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu.*

*22. L-argument tar-rikorrent għala ċ-ċaħda minn MySchool tissaraf fi ksur tal-jeddijiet fundamentali hu patetiku, pwerili u jikxef l-animu deplorabbli tar-rikorrent. Il-paragrafi 36 sa 41 tar-rikors promotur, kif ukoll is-sitt (6), seba' (7), tmien (8), u disa' (9) talbiet tiegħu jikxfu l-verità: li r-rikorrent ma għandux interess ġenwin li jħares id-drittijiet tiegħu bħala ġenitur b'jedd li jkollu aċċess għad-data rigwardanti ibnu (li kieku kien hekk, kien jutilizża r-rimedji ordinarji surreferiti). L-interess proprju tar-rikorrent f'din il-kawża huwa unikament biex inaqqas mill-ispejjeż li qed iħallas lill-iskola, jiggwadanja dawk id-danni morali li jista' u, dulcis in fundo, jiżgiċċa mill-obbligu legali tiegħu ta' manteniment versu ibnu.*

*23. Ma hemm ebda rabta bejn id-dmir ta' ġenitur li jmantni lil uliedu u l-jedd ta' ġenitur li jkun jaf l-andament akkademiku ta' wliedu minuri. It-tentattiv tar-rikorrent li jħallat it-tnejn flimkien huwa legalment infondat.*

*24. Mill-bqija, ir-rikorrent ma ta ebda spjegazzjoni konkreta kif in-nuqqas ta' aċċess ta' MySchool hi leżiva tad-drittijiet fundamentali tiegħu. Biżżejjed jingħad iżda li huwa għal kollox sproporzjonat l-argument tiegħu li dan in-nuqqas ta' aċċess għal MySchool huwa leżiv tad-drittijiet fundamentali u, jekk xejn, jittrivjalizza l-kunċett tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u jwaqqgħhom fir-redikolu.*

*25. Fi kwalunkwe każ, l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*26. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.>>*

9. L-Avukat tal-Istat talab li jiġi kjamat fil-kawża d-Direttur ta' St. Martin's College Sixth Form[2]. Ir-rikorrent oġġezzjona għal dan. L-Ewwel Qorti tat digriet mogħti fil-miftuħ nhar l-10 ta' Mejju 2023 permezz ta' liema laqgħet it-talba tal-Avukat tal-Istat[3].

10. Rat ir-risposta tal-**kjamat fil-kawża Direttur St. Martin's College Sixth Form għan-nom u in rappreżentanza tal-istess**:

[2] *Fol. 81 sa 83*
[3] *Fol. 94 et seq.*

*<<..1. Illi lura fis-Sajf 2022, omm il-minuri in kwistjoni kkomunikat mal-Kulleġġ sabiex l-istess minuri jiġi rreġistat fis-Sixth Form. Illi da parti tiegħu, missier il-minuri – u ċioe' ir-rikorrenti – rriffjuta li jiffirms r-registration form tal-minuri, u dan għaliex ma kienx qed jaċċetta li jħallas għall-miżati tal-Kulleġġ. Illi intlaħaq ftehim bejn il-ġenituri tal-minuri – u ċioe', ir-rikorrenti u omm il-minuri – illi l-miżati tal-Kulleġġ ser jitħallsu min-nanniet materni tal-minuri, li in forza tiegħu r-rikorrenti ġie meħlus mill-obbligu tiegħu li jwettaq ħlas tal-miżati għas-Sixth Form għall-imsemmi minuri, u tali obbligu ġie assunt min-nanniet materni tal-minuri; illi bħala stat ta' fatt id-Direttur tal-Kulleġġ tikkonferma illi l-miżati ta' dan il-minuri għall-ewwel sena tiegħu fis-Sixth Form ġew imħallsa.*

*2. Illi l-minuri, li bħala wieħed mill-istudenti fil-Kulleġġ, ikun f'kuntatt regolari mid-diriġenti tal-Kulleġġ, meta fi tmien is-sena skolastika 2022-2023 sar jaf illi r-riżultati tal-MATSEC ġew mgħoddija liż-żewġ ġenituri tiegħu, kif isir abitwalment permezz ta' email, hu ddikjara d-diżappunt tiegħu, għaliex ma riedx illi missieru, u ċioe' ir-rikorrenti, jkun informat dwar l-andament akkademiku tiegħu. Illi cio' nonostante, il-Kulleġġ f'dak l-istadju pproċeda kif jimxi solitament.*

*3. Illi fid-29 ta' Jannar 2023, il-minuri għalaq sittax (16)-il sena; hu avviċina lid-diriġenti tal-Kulleġġ sabiex ma jibgħatux aktar l-informazzjoni li tirrigwarda lilu lil missieru, ir-rikorrenti, u dan kemm f'dak li jirrigwarda l-andament akkademiku tiegħu kif ukoll dwar l-attivitajiet tal-iskola, u dan tenut kont illi tali informazzjoni hija lkoll ċirkolata permezz ta' platform elettroniku bl-isem 'Myschool', li huwa aċċessibli biss minn persuni reġistrati. Illi d-diriġenti tal-Kulleġġ rċivew tali struzzjonijiet mingħand il-minuri bil-miktub, u wara li għamlu l-verifiki tagħhom in rigward, l-aċċess tar-rikorrenti għal dan il-platform elettroniku ġie sospiż/terminat.*

*4. Illi r-rikorrenti kkomunika mad-diriġenti tal-Kulleġġ meta sar jaf illi ma kellux aktar aċċess għal informazzjoni dwar il-minuri in kwistjoni, u ġie nformat dwar il-posizzjoni li ġiet addottata mill-Kulleġġ, wara li l-Kulleġġ ħa parir legali in rigward. Illi fis-7 ta' Marzu 2023 inżammet laqgħa, b'mezz elettroniku, bejn ir-rikorrenti, id-diriġenti tal-Kulleġġ u l-Avukat tal-Kulleġġ, u l-istess rikorrenti ġie nformat illi l-Kulleġġ ma jsib ebda oġġezzjoni u diffikolta' illi jibqa' jagħti lir-rikorrenti aċċess għal informazzjoni dwar il-minuri, purche' l-posizzjoni legali in rigward tiġi ċċarata.*

*5. Illi sussegwentement, u aktar preċiżament fil-15 ta' Marzu 2023, id-diriġenti tal-Kulleġġ, flimkien mal-Avukat tagħhom, ir-rikorrenti u Uffiċjal fi ħdan l-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data żammew laqgħa, b'mezz elettroniku, fejn ġiet diskussa d-diffikolta' li qamet in rigward l-istudent partikolari, u dwar l-applikabbilita' tal-Liġi in rigward miuri ta' sittax (16)-il sena. Illi preokkupazzjoni tal-Kulleġġ tirrigwarda kemm l-obbligi legali li għandu sabiex iħares il-privatezza u s-sigurta' tal-istudent tiegħu, oltre li josserva il-liġi tal-*

*protezzjoni dwar id-data sabiex jiġi soġġett għall-multi u penali kontemplati minn dik l-istess liġi.*

*6. Illi finalment inżammet ukoll laqgħa bejn id-diriġenti tal-Kulleġġ mal-Avukat fi ħdan id-Dipartiment tal-Edukazzjoni fejn, mill-ġdid, ġiet diskussa din il-pendenza. Illi waqt din il-laqgħa l-Avukat fi ħdan id-Dipartiment tal-Edukazzjoni irrikonoxxa illi din hija sitwazzjoni illi qed jiffaċjaw ħafna skejjel u li għalkemm, fil-fehma tiegħu l-liġi dwar il-protezzjoni tad-dara m'għandhiex iċaħħad il-ġenituri mid-drittijiet tagħhom, għaraf ukoll illi hemm bżonn ta' linji gwida mfassla mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data u l-Ministeru ta' l-Edukazzjoni sabiex joħolqu ċertezza f'dan is-settur.*

*Illi l-kunsiderazzjonijiet legali li saru mill-eċċepjenti meta rinfaċċjat bil-kwistjoni li qamet bejn ir-rikorrenti u l-minuri, student tal-Kulleġġ kjamat in kawża, kien li josservaw id-dettami tal-liġi speċjali applikabbli għall-ipproċessar tad-data mill-Kulleġġ bħala isituzzjoni edukattiva, filwaqt illi jissalvagwardja l-interessi tal-istudent li, għalkemm minuri fis-sens wiesa' u ġenerali tal-liġi, madankollu, igawdi diversi drittijiet li ġew konċessi illi tali minuri ma' l-egħluq tal-eta' ta' sittax(16)-il sena.*

*Illi jiġi osservat illi daħlu fis-seħħ diversi liġijiet speċjali li qed jiddipartixxu mill-posizzjoni tradizzjonali li l-minuri taħt l-eta ta' tmintax (18)-il sena huma suġġett għall-awtorita' assoluta tal-ġenituri; fosthom id-drittijiet ta' minuri ta' eta ta' sittax (16)-il sena fil-qasam tas-saħħa, fl-użu ta' mezzi elettroniċi, id-dritt għall-vot, u fil-qasam ta' information society services, fejn addirittura l-eta' tal-kunsens f'dan il-każ ta'-aħħar huwa ta' tletta (13)-il sena.*

*Illi f'tali kuntest ta' inċertezza w ambigwita', u tenut kont tal-obbligu li l-Kulleġġ, in loco parentis, iħares – l-ewwel u qabel kollox – l-interess suprem tal-istudent, partikolarment meta għadu minuri, il-Kulleġġ għadda sabiex jipproteġi u jissalvagwardja l-interessi tal-minuri, bħala l-parti l-aktar vulnerabbli.*

*Illi jiġi umilment rilevat illi kemm-il darba jiġi stabbilit illi l-interpretazzjoni tal-Leġislazzjoni Sussidjarja da parti tal-Kulleġġ kienet inkorretta, allura tali nuqqas huwa ta' diversi istituzzjonijiet edukattivi oħra li, wkoll, qed jinterpretaw u jadoperaw l-istess sistema mal-istudenti tagħhom. Illi jiġi umilment rilevat illi kull fejn il-liġi speċjali tipprovdi li l-eta' tal-kunsens dwar il-proċessar tad-data huwa ta' sittax(16)-il sena, ma hemmx speċifikat illi tali limitazzjoni ma tapplikax in rigward il-ġenituri u/jew tuturi tal-minuri. Illi kull fejn il-liġi riedet li jkun hemm eċċezzjonijiet għal tali regoli, dan ġie dikjarat speċifikament u espliċitament, u allura ma jistax jiġi preżunt illi l-ġenituri/tuturi ta' minuri huma esklużi mill-applikabbilita', fil-konfront tagħhom, tar-regola li minuri jista' jiddeċiedi dwar minn jirċievi informazzjoni li speċifikament jirrigwarda lilu/lilha.*

*Illi tenut kont tal-fatt illi l-pendenza bejn il-partijiet titratta dwar id-dritt għal informazzjoni li ġenituri għandu jkollu in rigward l-andament*

*akkademiku ta' wild minuri, jiġi osservat illi jekk tali dritt joħroġ mill-Att dwar l-Edukazzjoni, Kap 605 tal-Liġijiet ta' Malta, tali dritt tal-ġenituri huwa marbut mal-"eta' ta'skola obbligatorja" tal-istudent, li skond id-definizzjoni mgħotija taħt dak l-Att tfisser "kull eta' minn ħames (5) snin sa ħmistax-il (15) sena, it-tnejn inklużi, u b'dan il-mod persuna titqies li tkun ta' eta ta' tagħlim obbligatorju jekk tkun laħqet għalqet l-eta' ta' ħames (5) snin u ma laħqetx għalqet l-eta' ta sittax-il (16) sena jew għad lestietx għal kollox l-aħħar sena tal-iskola sekondarja". Illi l-istess Att, f'Artikolu 7 imbagħad jipprovdi kif ġej: "Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, huwa d-dritt ta' kull ġenitur ta' minuri li jiddeċiedi rigward kull materja li tikkonċerna l-edukazzjoni tal-minuri, sakemm deċiżjoni bħal din tkun fl-aħjar interessi tal-minuri bi qbil ma' artikolu 8(1)."*

*Illi jiġi osservat illi dan il-Kap tal-Liġi ma jipprovdhix, u ma jirregolax aspetti li jittrattaw dwar l-edukazzjoni ta' minuri f'livell post-sekondarju u ogħla; u fil-fatt l-edukazzjoni ta' studenti minn sittax (16)-il sena 'l fuq taqa' taħt l-Att dwar l-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla, Kap 607 tal-Liġijiet ta' Malta illi ma jinkludix dispożizzjonijiet ekwivalenti għal dawk fl-Artikolu 7 tal-Kap 605 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk, fir-rigward ta' studenti taħt eta' tas-sittax (16)-il sena, l-ipproċessae tad-data personali tagħhom, jista' jiġi ibbażat fuq l-Artikolu 7 tal-Kap 605 bħala "legal basis for processing" hekk kif mitlub mill-GDPR (Artikolu6). Mill-banda l-oħra, l-ipproċessar tad-data personali ta' studenti ta' sittax (16)-il sena u 'l fuq ma jistax ikun ibbażat fuq l-imsemmi Artikolu 7, u għalhekk il-Kulleġġ huwa obbligat li jiġġustifika il-iproċessae ta' data personali a bażi ta' "legal basis for processing" oħrajn, inkluż il-kunsens skond il-Leġislazzjoni Sussidjarja 586.70.*

*Illi fil-laqgħa tal-15 ta' Marzu 2023, il-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data ikkontenda li d-dritt tal-minuri li jagħti u jiċħad il-kunsens taħt l-Artikolu 7 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 586.70 għandu jiġi interpretat restrittivament għall-ipproċessar tad-data personali minn skejjel relatat ma' attivitajiet informali u immaġini viżivi. Illi l-platform MySchool jinkludi kemm informazzjoni akkademika dwar l-istudent kif ukoll informazzjoni dwar attivitajiet informali kif ukoll immaġini viżivi; għaldaqstant, student ta' l-eta ta' sittax (16)-il sena għandu d-dritt li jagħti u jiċħad il-kunsens tiegħu għal dan l-ipproċessar u peress illi l-Kulleġġ ma jistax jirrestinġi l-access tar-rikorrenti għall-informazzjoni purament akkademika, offriet minflok li din l-informazzjoni akkademika tingħata lilu separatament u l-aċċess għall-MySchool jibqa' sospiż; pero', ir-rikorrenti qed jinsisti li għandu jkollu aċċess għall-informazzjoni kollha.*

*Illi jiġi osservat illi rriżultaw diversi lacunae dil-liġi li wasslu, bħal fil-każ in eżami, għal diffikoltajiet dwar l-interpretazzjoni u l-applikabbilita' tal-liġi meta applikati għall-ispeċifiku, u l-eċċepjenti umilment tirrileva illi tali nuqqasijiet u mankamenti fil-liġi ċertament m'għandhomx ibagħtu għalihom entitajiet bħal il-Kulleġġ odjern, li l-interess ewlieni tiegħu huwa li jħares u jissalvagwardja is-sigurta' u privatezza tal-istudenti*

*tiegħu, filwaqt illi jaqdi u josserva l-obbligi kuntrattwali li għandu fil-konfront tal-ġenituri/tuturi ta' dak l-istudent.*

*Illi fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet legali riportati hawn fuq, u tenut kont tal-fatti tal-każ, kif magħrufa personalment mir-rappreżentanti tal-Kulleġġ kjamat in kawża, l-eċċezzjonijiet illi qed jiġu sollevati mill-esponenti in rigward it-Talbiet Regolari tar-rikorrenti, huwa s-segwenti:*

*1. Illi minn qari tar-rikors promotur intavolat mir-rikorrenti, għalkemm ir-rikorrenti qed jilmenta illi l-interpretazzjoni illi qed tingħata lill-Artikolu 7 tal-AL 586.6 mill-intimati huwa leżiv tad-drittijiet fundamentali tiegħu, madankollu, jidher ukoll li l-istess rikorrenti qed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħmel tali dikjarazzjoni fid-dawl u fil-kuntest tad-deċiżjoni li ngħatat mill-Onorabbli Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawża ntavolata minnu u li ġiet deċiża fit-18 ta' Marzu 2021, I.S. & Others vs Malta (9410/20); illi f'dan ir-rigward, jiġi umilment rilevat u eċċepiet illi l-partijiet intimati fil-proċeduri odjerni – inkluż l-eċċeppjenti – huwa differenti mill-partijiet intimati fil-proċeduri odjerni.*

*2. Illi dan qed jingħad fid-dawl ta' l-ewwel talba tar-rikorrenti kif riżultanti mir-rikors promotur, in kwantu l-eċċppjenti mhux edott mill-fatti speċifiċi ta' dak il-każ ġialadarba ma kinx parti f'dawk il-proċeduri, u għalhekk, wisq anqas seta' kien qed imur kontra kwalunkwe ordnijiet illi ngħataw minn dik l-Onorabbli Qorti, u l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali meta ordnat l-eżegwibbilita' u eżekuzzjoni ta' dik is-sentenza.*

*3. Illi l-eċċeppjenti, fil-kwalita' tiegħu ta' kontrollur tad-data, kif imfisser fid-definizzjoni mgħotija f'artikolu 2 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 586.07, għandu obbligu u dmir legali illi jħares l-interessi tal-istudent, kif imfisser fl-istess Artikolu tal-liġi, in kwantu l-obbligi tiegħu huma regolati speċifikament mil-leġislazzjoni msemmija. Illi ġialadarba l-Artikolu 7(2) ta' din il-Leġislazzjoni Sussidkarja jipprovi illi "...Kull kunsens mogħti mill-istudent, fejn applikabbli, jew mill-ġenitur jew tutur legaali, jista', konfermement mal-Artikoku 7 tar-Regolament, jiġi rtirat bil-miktub, u l-kontrollur tad-data għandu jneħħi (enfasi tal-esponenti) dan il-kunsens u jwaqqaf l-operat tal-iproċessar li għalih il-kunsens ikun ġie rtirat u d-data kkonċernata għandha tiġi mħassra u meqruda.", isegwi illi l-Liġi ma tħalli ebda lok għal diskrezzjoni u għażla lill-istituzzjoni edukattiva dwar jekk timplimentax u tapplikax tali struzzjonijiet li tkun irċievet mingħand l-istudent, u ġialadarba l-kunsens tad-data subject ġie speċifikament u inekwivokabilment irtirat, l-eċċepjenti ma kellu ebda għażla oħra ħlief illi jaderixxi mal-istruzzjonijiet mgħotija lilu mill-istudent.*

*4. Illi l-eċċepjenti għamel hekk wara li fittex, u ottjena, konferma tal-interpretazzjoni korretta ta' dan il-provvediment tal-Liġi mingħand uffiċjal fi ħdan l-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data, li għamel ir-rakkomandazzjoni tiegħu in bażi tal-provvedimenti tal-Artikolu 7 tal-istess Leġislazzjoni Sussidjarja, speċifikament sub-inċiż (1), li jipprovdi kif ġej: "Għall-għanijiet ta' dawn*

*ir-regolamenti kull student li għalaq is-sittax-il sena għandu jkun eleġibbli li jagħti l-kunsens, kif meħtieġ f'dawn ir-regolamenti, u biex jeżeċita d-drittijiet kollha taħt il-Kapitolu III tar-Regolament." (enfasi tal-esponenti)*

*5. Illi għalhekk, dwar it-tieni (2) talba tar-rikorrenti, in kwantu r-rikorrenti qed jitlob ponunzjament mingħand din l-Onorabbli Qorti illi "...Artikolu 7 tal-AL 586.7 mhux konformi ma' Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016...", l-eċċepjenti qed jirrimetti ruħu għal kwalunkwe pronunzjament in rigward mingħand din l-Onorabbli Qorti; illi cio' nonostante, l-eċċepjenti jirribadixxi illi, bl-azzjoni li ttieħdet minnu fuq struzzjonijiet tal-istudent, bl-ebda mod ma konfront ta' minuri, u f'dan ir-rigward jiġi umilment rilevat illi l-karatteristika ewlenija li hija ta' kunsiderazzjoni legali għall-eċċepjenti fil-każ in eżami, hija li d-data subject huwa student, kif kontemplat u mfisser f'din il-liġi.*

*6. Illi għalhekk, u b'referenza għat-tielet (3) u r-raba' (4) talbiet tar-rikorrenti, l-eċċepjenti qed – mill-ġdid – jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti in rigward, u l-eċċepjenti qed minn issa jiddikjara l-impenn tiegħu illi jaderixxi u josserva skrupolozament kwalunkwe ordni jew direttivi li tista' tingħata lilu minn din l-Onorabbli Qorti, in kwantu l-istess eċċeppjenti għandu interess illi jkollu struzzjonijiet ċari u inekwivoċi dwar kif għandha tiġi interpretata u implimentata korrettement din il-leġislazzjoni. Illi jiġi umilment rilevat illi l-eċċeppjenti sab ruħu f'ċirkostanzi fejn obbligi legali tiegħu lejn l-istudent, in bażi ta' din il-liġi speċjali, u dawk kuntrattwali ai termini tal-leġislazzjoni ordinarja, jikkontrastaw ma' xulxin, u ġie mqiegħed f'diffikolta legali dwar liema minn dawn il-liġijiet għandu josserva. Illi l-fattispecie tal-każ deheru li jirrikjedu adezjoni, da parti tal-eċċeppjenti, ma' l-obbligi tiegħu naxxenti mil-liġi speċjali, in kwantu jirregolaw – f'dan l-aspett speċifiku – ir-relazzjoni tiegħu mal-istudent; madankollu, u kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti tasal għall-konklużjoni illi d-drittijiet tal-ġenitur għandhom jippreċedu u jissuperaw id-drittijiet tal-istudent, kif imfisser f'din il-Liġi, allura l-eċċeppjenti ser jgħaddi sabiex iwettaq dak mitlub u ordnat minnu minn din l-Onorabbli Qorti.*

*7. Illi jsegwi għalhekk illi kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tilqa' s-sitt (6) talba tar-rikorrenti, in kwantu tordna li r-rikorrenti għandu jerġa' jingħata aċċess sħiħ għall-portal tal-minuri li twieled fl-2007, allura l-eċċeppjenti ser jgħaddi sabiex jipprovdi l-aċċess rikjest. Illi madankollu, u b'referenza għal dik il-parti tas-sitt (6) talba tar-rikorrenti, fejn qed jitlob illi jiġu likwidati danni u jiġu rimborzati parzjalment il-miżati tal-iskola, in kwantu "...r-rikorrenti jkun ikkontribwixxa għal servizz li ma ħax...". jiġi umilment eċċeppiet illi din il-parti tat-talba qed tiġi kkontesta bil-qawwa mill-eċċeppjenti in kwantu l-istess eċċeppjenti ma kkawża ebda danni lir-rikorrenti, u s-servizz li l-eċċeppjenti qua istituzzjoni edukattiva kien tenut li jippresta lill-istudent, ġie reż irrispettivament u indipendetement mill-aċċess, jew nuqqas tiegħu, li r-rikorrenti kellu minn Jannar 2023 'l hawn għall-platform elettroniku mgħaruf bħala*

*'Myschool'; dan oltre l-fatt illi r-rikorrenti fattwalment mhux qed iħallas u jikkontribwixxi għall-miżati tal-iskola għall-minuri in kwistjoni, li qed jiġu mħallsa min-nanniet materni, u dan kif jirriżulta minn korrispondenza u skrittura li l-Kulleġġ ngħata kopja tagħhpm mill-ġenituri tal-istudent. Illi kwindi din it-talba hija legalment u fattwalment insostenibbli u bla bażi, u qed tiġi kkontesta mill-eċċeppjenti.*

*8. Illi similarment qed tiġi kkontesta s-seba (7) talba tar-rikorrenti, in kwantu l-eċċeppjenti ċertament ma kkawża u kkaġuna ebda danni mortali lir-rikorrenti; anzi, l-eċċeppjenti għamel ħiltu sabiex iwassal għal arranġement li kienu ikun aċċettabbli kemm għar-rikorrenti u anke għall-istudent, u dan kif ser jiġi spjegat waqt it-trattazzjoni ta' dawn il-proċeduri, iżda dan mingħajr eżitu pożittiv.*

*9. Illi dwar it-tmiem (8) u d-disa' (9) talba tar-rikorrenti, jiġi umilment eċċeppiet illi dawn jeżorbitaw l-interessi tal-eċċeppjenti f'dawn il-proċeduri, in kwantu jirrigwardaw id-drittijiet ta' ġenitur li jkun qed iwettaq ħlas ta' manteniment fil-konfront ta' uliedu, skond il-liġi; illi fi kwalunkwe każ, u tenut kont tat-tip ta' azzjoni proposta mir-rikorrenti, ċertament mhux aċċettabbli illi tintalab dikjarazzjoni mingħand din l-Onorabbli Qorti li hemm "...nuqqas ta' salvagwardji għad-drittijiet ta' ġenitur..." mingħajr ma jiġi speċifikat f'hix jikkonsisti tali nuqqas, u wisq anqas għandu jiġi marbut id-dritt ta' informazzjoni li ġenitur għandu jingħata dwar il-progress akkademiku tal-istudent mal-obbligu ta' ħlas ta' manteniment għall-ispejjeż relatati mal-għejxien ta' minuri. Illi fl-umli fehma tal-eċċepjenti, tali talbiet jikkontrastaw mal-korp u l-bażi tal-azzjoni mressqa mir-rikorrenti li, inizzjalment issib il-qofol tagħha fl-interpretazzjoni legali ta' provvedimenti speċifiċi tal-Leġislazzjoni Sussidjarja, iżda li mbagħad – permezz ta' dawn iż-żewġ talbiet – qed tieħu żvolta differenti, fejn qee jintalab pronunzjament mingħand din l-Onorabbli Qorti dwar aspetti ta' relazzjoni bejn il-ġenitur u uliedu li jmorru 'l hemm minn dak kontemplat u regolat mil-liġi speċifika li qed tiġi kkontestata mir-rikorrenti. Illi jsegwi għalhekk, illi tali talbiet għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.*

*10. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-liġi.*

*11. Bl-ispejjeż.>>*

11. Rat li permezz tas-sentenza tal-**Ewwel Qorti tas-27 ta' Settembru 2023** ġie deċiż li:

*"a) Tiddisponi mill-eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-intimati jew minn minnhom kif hawn fuq msemmi, u allura tiċħad d-disa' eċċezzjoni tal-intimat Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data, tilqa' l-ewwel eċċeżżjoni tal-intimat Ministru għall-Edukazzjoni u*

*għalhekk tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju u tilqa' ukoll ir-raba' eċċezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat.*

*b) Tilqa' ukoll l-eċċezzjoni kontenuta fil-paragrafu numru għaxra tar-Risposta tal-intimat Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data, is-seba' eċċezzjoni tal-Ministeru tal-Edukazzjoni u t-tielet eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat, għaliex il-Qorti hija sodisfatta illi r-rikorrenti kellu mezzi xierqa oħra ta' rimedju li kienu disponibbli għalih u allura hemm raġunijiet biżżejjed sabiex din il-Qorti tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha biex tqis l-ilmenti kollha tar-rikorrneti fil-mertu."*

12. Din il-Qorti rat li l-Ewwel Qorti għamlet konsiderazzjonijiet ulterjuri wara l-parti dispożittiva, madankollu s-segwenti konsiderazzjonijiet huma dawk relevanti għas-sentenza tal-Ewwel Qorti:

***"Ikkunsidrat Ulterjorment:***

*Illi stabbiliti il-fatti u magħrufa s-sottomissjonijiet tal-partijiet għalhekk, il-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex teżamina u tiddeċiedi l-ewwel dwar l-eċċezzjonijiet preliminari imqajjma mill-intimati fir-risposta tagħhom.*

***L-eccezzjoni tal-Kummissarju ghall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data mressqa fid-disa' paragrafu tar-Risposta tieghu – li mhuwiex il-legittimu kontradittur***

*Dwar din l-eccezzjoni, il-Kummissarju jissottometti li m'ghandux jitqies bhala l-legittimu kontradittur u dan ghaliex qatt ma kien hemm ilment formali u ghalhekk qatt ma kien hemm decizjoni mill-Kummissarju. B'hekk qatt ma kien hemm u ma hemmx relazzjoni guridika bejn ir-rikorrent u l-intimat Kummissarju.*

*Illi ai termini tal-**Artikolu 13 tal-Kapitolu 586** –*

*Kummissarju jkollu personalità ġuridika separata u distinta u jkun kapaċi li jagħmel kull kuntratt, li jakkwista, iżomm u jiddisponi minn kull xorta ta' proprjetà għall-għanijiet tal-funzjonijiet u setgħat tiegħu, u li jħarrek u li jiġi mħarrek, u li jagħmel dawk l-affarijiet kollha u li jidħol f'dawk l- operazzjonijiet kollha li jkunu inċidentali jew li jwasslu għat-twettiq effettiv tal-kompiti tiegħu u l-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu taħt dan l-Att u taħt ir-Regolament.*

*Illi ghalkemm ma kienx hemm ilment formali lill-Kummissarju, jirrizulta mill-istess dokumenti li gew ipprezentati mill-Kummissarju li kien hemm korrispondenza permezz ta' email bejn il-partijiet. Il-Kummissarju kien*

*gie nterpellat informalment permezz ta' email datata 2 ta' Marzu 2023, u kien gie nterpellat ukoll mir-rikorrent permezz ta' email datata 8 ta' Marzu 2023. Fil-"fatti u cirkostanzi tal-kaz" kif esposti mill-istess Kummissarju fir-Riposta tieghu, hemm spjegat car l-involviment tal-Kummissarju f'din il-vertenza, u dak l-involviment certament illi jaghmel lill-Kummissarju persuna interessata b'interess guridiku f'din il-vertenza.*

*Ghaldaqstant din il-eccezzjoni ser tigi michuda.*

***L-ewwel eccezzjoni tal-Ministru tal-Edukazzjoni – li mhuwiex il-legittimu kontradittur ai termini tal-Artikolu 17(8) tal-KAP 595 tal-Ligijiet ta' Malta***

*Il-Ministru tal-Edukazzjoni jissottometti li skond il-Artikolu 17(8) tal-Kap. 595 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa s-Segretarju Permanenti li ghandu jigi mharrek ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-funzjonament tal-Ministeru. Gie sottomess ukoll li l-Ministru ma kellu l'ebda involviment meta ttiehdet id-decizjoni dwar il-access ghal portal "My School". Huwa ghalhekk li l-Ministru tal-Edukazzjoni mhuwiex il-legittimu kontradittur f'din il-kawza.*

*Din il-Qorti taqbel ma' din l-eccezzjoni tal-Ministru. B'referenza ghal Artikolu 181B(1) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwsitjoni.*

*F'dan il-kaz huwa s-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni u mhux il-Ministru li kellhu jitharrek. Dan qed jinghad b'zieda mal-Artikolu ccitat mill-istess Ministru, ossia, l-Artikolu 17(8) tal-KAP 595, li jaghmilha cara illi s-Segretarju Permanenti jkun ir-rappeżentant ġuridiku tal-Gvern f'atti u azzjonijiet ġudizzjarji dwar kull ħaġa li taqa' taħt il-firxa tal-attività tal-Ministeru li għalih ikun assenjat.*

*Ghalhekk il-Qorti ser tilqa' din l-eccezzjoni u ser tillibera lill-intimat Ministru tal-Edukazzjoni mill-osservanza tal-gudizzju f'dawn il-proceduri.*

***L-eccezzjonijiet rigward il-non ezawriment tar-rimedji ordinarji***

*Illi din il-eccezzjoni nghatat kemm mill-Kummissarju ghall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data (ghaxar paragrafu), kemm mill-Ministru tal-Edukazzjoni (seba' eccezzjoni) u kif ukoll mill-Avukat tal-Istat (tielet eccezzjoni).*

*In kwantu ghall-eccezzjoni kif mressqa mill-intimat Ministru tal-Edukazzjoni, peress illi kif deciz hawn fuq huwa ser jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju, il-Qorti ma thossx il-bzonn li jigu kkonsiderati l-eccezzjonijiet l-ohra tieghu u ghalhekk ser tastjeni milli tipprovdi dwar din l-eccezzjoni tieghu u l-ohrajn tieghu.*

*Illi l-intimat Kummissarju jissottometti illi ai termini tal-Kapitolu 586 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-rikorrent kellhu rimedju gudizzjarju quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, fil-konfront tal-kontrollur, li f'dan il-kaz, kienet il-iskola, u jirreferi ghall-Artikolu 30(2) tal-Ligi. Ikompli ighid li dan ir-rimedju seta' ttiehed kemm mir-rikorrent, ghaliex l-istudent ghadu kkonsiderat bhala minuri ghaliex ghadhu taht it-18 is-sena u kemm mill-istudent.*

*Minn naha tieghu, l-intimat Avukat tal-Istat issottometta illi f'dan il-kaz qatt ma ntalab ruling formali mill-Kummissarju dwar din il-kwistjoni. Ai termini tal-Kapitolu 586, il-Kummissarju jista' jaghti decizjoni fuq jekk kienx hemm breach of data protection jew le. Imbaghad hemm appell quddiem it-Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data u wara dik id-decizjoni, hemm dritt ta' appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri). B'hekk, isostni l-Avukat tal-Istat, ir-rikorrent kellu l-possibilita` li jmur quddiem tlett fora differenti jfittex ir-rimedju tieghu. Minbarra dan il-Avukat tal-Istat jissottometti wkoll li r-rikorrent seta' facilment jaghmel kawza fil-konfront tal-iskola quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili u li certament ma kienx hemm bzonn li ssir kawza kostituzzjonali.*

*Bl-eccezzjonijiet tal-intimati hawnekk in ezami qed jigi ecceppit n-nuqqas ta' eżawriment tar-rimedji ordinarji da parti tar-rikorrenti u dana stante li seta' dejjem uża l-proċedura stabbilita mill-ligi ordinarja, senjatament tal-Kap 586 tal-Liġijiet ta' Malta, u b'hekk l-intimati jikkontendu illi din il-Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita l-ġurisdizzjoni konvenzjonali tagħha ai termini tal-proviso għall-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta:*

> *(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjonioriġinali li tisma' u tiddeċiedi kull talba magħmula minn xi persunaskont is-subartikolu (1), u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li għat-tgawdija tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*
>
> *Iżda l-qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekktagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta'rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi ordinarja oħra*

***Ikkunsidrat Ulterjorment:***
*Il-Qorti tqis illi dawn il-proceduri jikkoncernaw principarjament certi provvedimenti tal-ligi taghna kif jinsabu introdotti permezz ta' avviz legali naxxenti mill-KAP 586 tal-Ligijiet ta' Malta li jittratta l-ipprocessar ta' data personali, u partikolarment dak l-ipprocessar fis-settur tal-edukazzjoni ai termini tal-Ligi Sussidjarja 586.07. Ir-rikorrenti ghamel enfazi fuq l-Artikolu 7 ta' dawn ir-regolamenti u dwar il-fatt li l-iskola, wara li t-tifel tieghu talab sabiex ir-rikorrenti ma jkollux aktar access ghal*

*portal "My School", nehhiet/waqqfet l-access tieghu ghall-portal tat-tifel ai termini ta' dan il-Artikolu.*

*Tqis illi mix-xhieda jirrizulta li t-talba saret mill-minuri fid-29 ta' Jannar 2023, jigifieri malli huwa ghalaq sittax (16) il-sena, u li l-access ghar-rikorrenti tnehha fil-4 ta' Frar 2023. Jirrizulta wkoll li l-ewwel kuntatt li l-iskola ghamlet mal-Kummissarju kien permezz ta' email datata 2 ta' Marzu 2023. Din kienet email generika fejn il-iskola kienet qed titlob informazzjoni dwar il-mod li ghandha tagixxi fid-dawl tat-talba li saritilha mit-tifel. Ghalhekk jirrizulta ppruvat li l-iskola hadet id-decizjoni dwar l-access ghall-portal "My School" qabel ma effettivament nterpellat lill-Kummissarju ghall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data, u mhux wara.*

*Tqis illi l-iskola dejjem sostniet illi d-decizjoni taghha ttiehdet a bazi ta' dawn ir-regolamenti u li ghalhekk hi kellha d-dritt li tiehu din id-decizjoni, anke billi fittxet illi ssib il-bilanc bejn l-ahjar interess tat-tifel u l-interessi tal-genitur.*

*F'dan l-isfond, dak li ghalhekk ghandha tara din il-Qorti, bhala Qorti ta' Gurisdizzjoni Kostituzzjonali, huwa jekk ir-rikorrent fil-fatt kellux rimedji ohra qabel ma jersaq lejn din il-Qorti biex tikkonsidra l-ilment tieghu.*

*Il-Qorti tqis illi dak li principalment qed jitlob ir-rikorrenti (vide l-ewwel Talbiet Regolari) huwa:*

*(a) dikjarazzjoni li nghtat interpretazzjoni restrittiva ta' l-Artikolu 7 tal-Ligi Sussidjarja bil-konsegwenza li l-Istat Malti qed imur kontra l-obbligu tieghu kif rikjest mill-Qorti Ewropeja fil-kaz 9410/20 u l-ispirtu tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta' Marzu 2022;*

*(b) illi l-istess Artikolu 7 mhux konformi mal-Artikolu 7 tar-Regolament UE 2016/679;*

*(c) illi l-interpretazzjoni moghtija mill-awtoritajiet tal-Istat Malti ghall-Artikolu 7 tal-Ligi Sussidjarja 586.07 tikser id-dritt tar-rikorrent that l-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropeja; u*

*(d) illi l-mod kif interpretat l-Artikolu 7 tal-Ligi Sussidjarja msemmija da parti tal-awtoritajiet tikser id-drittijiet tieghu ai termini tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.*

*Il-Qorti tqis qabel xejn dak li jinghad fir-Regolament Ewropew UE 2016/679, minn fejn jirrizulta illi*

> ***Artikolu 78 Dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv kontra awtorità superviżorja***
> *1. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rimedju amministrattiv jew mhux ġudizzjarju ieħor, kull persuna fiżika jew ġuridika għandu jkollha d-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv kontra deċiżjoni legalment vinkolanti ta' awtorità superviżorja li tikkonċernaha.*

*2. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rimedju amministrattiv jew mhux ġudizzjarju ieħor, kull suġġett tad-data għandu d-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv fejn l-awtorità superviżorja li hija kompetenti skont l-Artikoli 55 u 56 ma titrattax ilment jew ma tinformax lis-suġġett tad-data fi żmien tliet xhur dwar il-progress jew l-eżitu tal-ilment skont l-Artikolu 77.*

*3. Il-proċedimenti kontra awtorità superviżorja għandhom jitressqu quddiem il-qrati tal-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-awtorità superviżorja.*

*4. Fejn jitressqu proċedimenti kontra deċiżjoni ta' awtorità superviżorja li kienet preċeduta minn opinjoni jew deċiżjoni tal-Bord fil-mekkaniżmu ta' konsistenza, l-awtorità superviżorja għandha tibgħat dik l-opinjoni jew id-deċiżjoni lill-qorti.*

***Artikolu 79 Dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv kontra kontrollur jew proċessur***

*1. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rimedju amministrattiv jew mhux ġudizzjarju disponibbli, inkluż id-dritt li jitressaq ilment quddiem awtorità superviżorja skont l-Artikolu 77, kull suġġett tad-data għandu d-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv fejn jikkunsidra li nkisru d-drittijiet tiegħu taħt dan ir-Regolament b'riżultat tal-ipproċessar tad-data personali tiegħu b'nuqqas ta' konformità ma' dan ir-Regolament.*

*2. Proċedimenti kontra kontrollur jew proċessur għandhom jitressqu quddiem il-qrati tal-Istat Membru fejn ilkontrollur jew il-proċessur ikollu stabbiliment. B'mod alternattiv, tali proċedimenti jistgħu jitressqu quddiem il-qrati talIstat Membru fejn is-suġġett tad-data jkollu r-residenza abitwali tiegħu, sakemm il-kontrollur jew il-proċessur ma jkunx awtorità pubblika ta' Stat Membru li taġixxi fl-eżerċizzju tas-setgħat pubbliċi tagħha.*

***Artikolu 82 Dritt għal kumpens u responsabbiltà***

*1. Kwalunkwe persuna li tkun ġarrbet xi dannu materjali jew mhux materjali b'riżultat ta' ksur ta' dan ir-Regolament għandu jkollha d-dritt li tirċievi kumpens mill-kontrollur jew il-proċessur għad-dannu mġarrab.*

*2. Kwalunkwe kontrollur involut fl-ipproċessar għandu jkunu responsabbli għad-dannu kkawżat mill-ipproċessar li jikser dan ir-Regolament. Proċessur għandu jkun responsabbli għad-dannu kkawżat mill-ipproċessar f'każ biss fejn ma jkunx ikkonforma mal-obbligi ta' dan ir-Regolament diretti b'mod speċifiku lejn il-proċessuri jew fejn ikun aġixxa lil hinn minn jew kontra istruzzjonijiet legali tal-kontrollur.*

*3. Kontrollur jew proċessur għandu jkun eżentat mir-responsabbiltà taħt il-paragrafu 2 jekk jagħti prova li bl-ebda mod m'huwa responsabbli għall-avveniment li wassal għad-dannu.*

*4. Fejn aktar minn kontrollur jew proċessur wieħed, jew kemm kontrollur kif ukoll proċessur, ikunu involuti fl-istess proċediment u fejn, taħt il-paragrafi 2 u 3, ikunu responsabbli għal kwalunkwe dannu kkawżat mill-ipproċessar, kull kontrollur jew proċessur għandhom jinżammu*

*responsabbli għad-dannu kollu, sabiex jiġi żgurat kumpens effettiv għassuġġett tad-data.*

*5. Fejn kontrollur jew proċessur ikun ħallas, f'konformità mal-paragrafu 4, il-kumpens sħiħ għad-dannu mġarrab, dak il-kontrollur jew il-proċessur għandu jkun intitolat li jitlob lura mill-kontrolluri jew il-proċessuri l-oħra involuti fl-istess ipproċessar dik il-parti tal-kumpens li tikkorrispondi għall-parti tagħhom tar-responsabbiltà għad-dannu, f'konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2.*

*6. Proċedimenti tal-qorti biex jiġi eżerċitat id-dritt li jiġi riċevut kumpens għandhom jitressqu quddiem il-qrati kompetenti taħt il-liġi tal-Istat Membru msemmija fl-Artikolu 79(2).*

*Il-Qorti tqis ukoll il-provvedimenti relattivi tal-**KAP 586** tal-Ligijiet ta' Malta, minn fejn jirrizulta qabel xejn illi hemm l-obbligu tal-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data illi ai termini tal-**Artikolu 11(2**):*

*Il-Kummissarju jkun responsabbli biex iwettaq moniteragg u nfurzar fuq l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u tar-Regolament, sabiex jipprotegi d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali ta' persuni fizici fir-rigward tal-ipprocessar tad-data personali u sabiex jiffacilita l-fluss liberu ta' data personali bejn Malta u xi Stat Membru iehor.*

*Illi jirrizulta mid-deposizzjoni tal-istess rikorrent illi huwa ma ressaqx ilment mal-Kummissarju. Dehrlu illi dak ma kienx jipprovdilu rimedju effikaci.*

***Av. Agostino**: Ara nghidx sew li int lment formali lill-Kummissarju tad-Data protection ma ressaqtx?*

***Xhud**: Qatt ma ressaqt ghax ma kien ha jwassal ghal imkien.*

***Il-Qorti tqis illi una volta illi r-rikorrenti ghamel din l-ghazla, allura huwa ghazel illi ma jressaqx l-ilment tieghu quddiem il-Kummissarju, li fuq kollox, bil-ligi huwa ukoll obbligat illi jhares u jipprotegi d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali ta' persuni fizici fir-rigward tal-ipprocessar tad-data personali – haga illi qed ifittex illi jaghmel ir-rikorenti bl-odjerni procedure u jersaq ghand din il-Qorti.***

*Il-Qorti tqis ukoll illi gja la darba illi r-rikorrent ghalaq dak il-bieb, allura konsegwentament ghalaq zewg bibien ohra li bihom hu seta' jiehu rimedju, dak tal-Appell quddiem it-Tribunal u jekk necessarju anke l-Qorti tal-Appell. Tribunal u Qorti illi certament setghu jidhlu u jissindakaw l-ilmenti mressqa hawnekk mir-rikorrenti.*

*Il-Qorti tqis ukoll illi ai termini ta' l-Artikolu 30 tal-KAP 586 tal-Ligijiet ta' Malta,*

*(1) Mingħajr preġudizzju għal kull rimedju ieħor li jista' jkollu, inkluż id-dritt li jirreġistra lment mal-Kummissarju, suġġett ta' data jista', fejn jidhirlu li d-drittijiet tiegħu taħt ir-Regolament jew taħt dan l-Att ġew*

*miksura bħala riżultat tal-ipproċessar tad-data personali tiegħu bi ksur tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament jew ta' dan l-Att, permezz ta' rikors ġuramentat quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, jibda azzjoni għal rimedju ġudizzjarju effettiv kontra l-kontrollur jew il-proċessur ikkonċernati.*

*(2) Suġġett tad-data jista' wkoll, permezz ta' rikors ġuramentat quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, jibda azzjoni għad-danni kontra l-kontrollur jew il-proċessur li jipproċessa data personali bi ksur tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament jew ta' dan l-Att.*

*(3) Jekk fid-determinazzjoni ta' azzjoni skont is-subartikolu (2) il-qorti ssib li l-kontrollur jew il-proċessur huma responsabbli għad-danni kkawżati konformement mal-Artikolu 82 tar-Regolament, il-qorti għandha tiddetermina l-ammont ta' danni, inklużi, iżda mhux limitati għal, danni morali kif il-qorti tista' tiddetermina, li jkunu dovuti lis-suġġett tad-data.*

*(4) Kull azzjoni taħt dan l-artikolu għandha tinbeda fi żmien perjodu ta' tnax-il xahar mid-data li fiha s-suġġett tad-data sar jaf, jew kellu raġonevolment isir jaf, b'dak il-ksur, liema minnhom jkun l-aktar kmieni.*

*Anke hawnekk, ir-rikorrent ghazel illi ma jiehux azzjoni.*

*Av. Farrugia: Proceduri giudizzjarji kontra l-iskola minn naha tieghek dwar din il-materja?*

*Xhud: Le ma sarx.*

*Din il-Qorti ghalhekk tikkonsidra li fil-fatt ir-rikorrenti kellu almenu zewg tipi ta' rimedji ordinarji li seta' jiehu, u naqas milli jaghmel dan u ressaq mill-ewwel ghall-odjerna kawza. Ir-rikorrent stess jispjega, meta mistoqsi mill-Qorti, illi dan ma ghamlux ghaliex hemm zewg problemi.*

*Wahda minnhom tista' twassal ghal fatt illi jekk il-Ligi hazin ha jinterpretaw il-Ligi, il-problema tal-Ligi, il-procedura hazina. Jigifieri ma nistghax immur l-IDPC li hija l-Ligi hazina ghax il-ligi ghamluha huma stess. It-tieni nett ma hix rimedju alternattiv.*

*Il-Qorti ma tistghax taqbel ma' din is-sottomissjoni u tqis illi r-rikorrenti ghamel ghazla zbaljata u ghalaq bieb illi kien miftuh ghalih biex jottjeni, jew almenu jittanta jottjeni b'mod effettiv, dak li xtaq. Rimedju illi ghandu fil-fatt tlett saffi/fazijiet, b'mod illi jekk l-ilment tieghu kellu jitqies mis-sewwa, dejjem kien hemm il-Qorti tal-Appell biex tissindakah.*

*Il-Qorti riedet taccerta ruha illi r-rikorrent kellu dan ir-rimedju miftuh, u ghalhekk ghamlet domanda specifika lir-rapprezentat legali tal-Kummissarju intimat :*

*Qorti: Biex nifhem biss ghax importanti li semmejt inti. Il-minuri ha azzjoni u mar ghand il-principal tal-iskola jew ghand min mar u qallhom irrid naghmel id-dikjarazzjoni biex nirtira l-kunsens. Hu dak il-hin kien qe djitkellem fuq id-data tieghu tat-tifel. Dak il-provvediment tal-Ligi, dik il-*

*procedura li ghadek kemm semmejtli, dik kienet miftuha kontra l-iskola ghal min? Ghal sid id-data jew any other third party?*

*U d-difensuri tal-Kummissarju intimat irrispondew hekk:*

*It-tnejn jistghu ghax l-istudent ghandu subsidiary legislation u kemm il-missier.*
*Qorti: Igifieri il-missier seta' ressaq ilment u d-dipartiment kien jigbor l-informazzjoni?*

*Hekk hu, ghax taht 18. ……… dan kien rimedju iehor ordinarju minflok dak straordinarju li seta' facilment ghamel uzu minnu u ma sarx.*

*Ikkunsidrati Ulterjorment:*
*Illi l-Qrati taghna gja enuncjaw ruhom diversi drabi fuq il-principji li japplikaw meta jigu sabiex jikkonsidraw din it-tip ta' eccezzjoni.*

*F'dan is-sens l-Qorti taghmel referenza ghal kaz Angelo Xuereb et. vs Direttur tax-xogholijiet et. deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fil-21 ta' Dicembru 2007 –*

*Il-konsiderazzjonijiet ta' dritt marbutin mal-eċċezzjoni taħt eżami huma llum il-ġurnata stabiliti b'mod konsistenti mill-qrati Maltin. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha toqgħod terġa' tfissirhom, u tillimita ruħha biex tirreferi għas-sentenza tagħha tat-30 ta' Ġunju, 2005, fil-kawża Tretyak vs Direttur taċ-Ċittadinanza u Expatriate Affairs, li kienet konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Jannar, 2006. Dik l-istess Qorti għadha żżomm l-istess prinċipji kif muri f'deċiżjoni li ngħatat dan l-aħħar dwar l- istess eċċezzjoni;*

*Illi meta jissemma li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, irid jintwera li dan ikun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat. M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se' jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi. L-eżistenza li tassew ikun (jew kien) hemm rimedju alternativ xieraq trid tintwera mill-intimat li fuqu jaqa' l-piż tal-prova biex jikkonvinċi lil din il-Qorti biex tagħżel li ma teżerċitax is-setgħat tagħha biex tisma' l-kawża.*

*Ingħad hekk fil-każ John Grech et vs Onor Prim Ministru et deċiża fid-29 t'April 2013 u konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Jannar 2014 –*

*Illi din il-kwistjoni ġiet dibattuta diversi drabi fil-Qrati tagħna. Il-Qorti Kostituzzjonali daħlet fil-fond tagħha fis-sentenza tagħha fil-kawża fl-ismijiet "Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine" (deċiża fis-7 ta' Marzu 1994) fejn, wara li elenkat numru ta' sentenzi preċedenti, qalet fost affarijiet oħra illi:*

*Minn din ir-rassenja kemm tal-Prim' Awla u kemm ta' din il-Qorti jistgħu jitnisslu dawn il-linji ġurisprudenzjali:*
*a. Meta hu ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrenti biex ikollu rimedju għad-danni li qed jilmenta, bħala prinċipju ġenerali dawn*

*għandhom jiġu adoperati u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura Kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta mhumiex disponibbli;*

*b. Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirriżultawlhiex raġunijiet serji gravi ta' llegalita' jew ta' ġustizzja jew żball manifest ma tiddisturbax l-eżerċizzju ta' diskrezzjonalita' tal-ewwel Qorti kkonferita mill-artikolu 46 (2) talKostituzzjoni;*

*c. Kull każ għandu l-fattispeċje partikolari tiegħu;*

*d. Meta r-rikorrenti ma jkunx għamel użu minn rimedju li seta' kellu dan ma jfissirx li l-Qorti għandha tikkonsidra li ma għandhiex teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha jekk dak il-possibbli rimedju ma kienx pero' jirrimedja ħlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrenti;*

*e. Meta r-rikorrenti ma jkunx eżawrixxa r-rimedju ordinarji, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa għalih l-operat ta' ħaddieħor allura ma jkunx desiderabbli illi l-Qorti tieqaf u ma tipproċedix bit-trattazzjoni tal-każ;*

*f. Meta l-ewwel Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u tieqaf mit-trattazzjoni mingħajr ma teżamina l-materja neċessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata, il-Qorti tat-tieni grad għandha twarrab dik id-diskrezzjoni."*

*Ukoll il-każ Sonia Zammit et vs Ministru tal-Politika Soċjali et deċiż fis-27 ta' Frar 2006 (Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) Rik Nru 11/2005) b'riferenza għal aktar ġurisprudenza elenka fost oħrajn dawn il-prinċipji:*

*"Meta huwa ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex ikollu rimedju għad-dannu li qed jillamenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati, u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta ma humhiex disponibbli." [Dr Mario Vella vs Joseph Bannister noe – Qorti Kostituzzjonali deciza 7 ta' Marzu 1994]*

*"Hu veru li kull persuna tista' tirrikorri lill-Prim Awla għal rimedju ta' indole Kostituzzjonali, imma l-ewwel subinċiż ta' dak l-Artikolu 46 irid jigi moqri mal-proviso tat-tieni subinċiż tiegħu li jipprovdi li l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond dak l-artikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat 'huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi liġi oħra." [Lawrence Cuschieri vs Onor Prim Ministru – Qorti Kostituzzjonali deciza 6 t'April 1995]*

*"Sakemm tibqa' l-possibilita' li l-leżjoni tad-dritt fundamentali setgħet kienet jew għad tista' tiġi rettifikata bil-proċeduri u mezzi provduti bil-liġi, ikun ġeneralment il-każ li l-Qorti tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali taghha." [Stephen Falzon vs Reġistratur tal-Qorti et – Qorti Civili Prim Awla (Sede Kostitizzjonali) deciza 14 ta' Frar 2002]*

> *"Il-Prim Awla tal-Qorti Civili għandha poteri diskrezzjonali wiesgħa biex tiddeċiedi li ma teżerċitax il-poteri tagħha meta r-rikorrent ma eżawriex ir-rimedji possibbli taħt il-liġi ordinarja." [Domenico Savio Spiteri vs Chairman Planning Authority et" – Qorti Kostituzzjonali deciza 31 ta' Mejju 2000].*

*Finalment, il-Qorti taghmel referenza ghal dak li ighid il-Professur Dr Tonio Borg fil-ktieb tieghu A Commentary on the Constitution of Malta, "the proviso can be applied even where the remedy was available and, through inertia or negligence of the applicant, it no longer was available when he instituted the human rights action". [2016 Publication, pagna 266].*

*Il-Qorti taghmel taghha ukoll dak li ighid l-istess Professur Dr Tonio Borg fil-ktieb tieghu hawn fuq riferit, meta jghid illi proceduri quddiem din il-Qorti ghandhom ikunu "one of last resort", fis-sens illi "allowing human rights actions when available adequate remedies are available, also trivialises the special procedure of alleging human rights violations".*

*Il-Qorti ghalhekk hija konvinta illi r-rikorrenti kellu rimedji ordinarji, kjarament mfissra fil-ligi, kemm kontra l-iskola b'rikors guramentat quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili u kif ukoll bi proceduri kif kontemplati mal-Kummissarju, f'liema proceduri setghu facilment gew diskussi, trattati u decizi l-ilmenti tieghu kif mitluba f'dawn il-proceduri. Konsegwentament, ma jistax la darba kienet għażla tiegħu illi ma jeżawrixxix ir-rimedji ordinarji li kellu għad-disponabilita` tiegħu jirrikorri issa quddiem din il-Qorti. Fi kwalunkwe kaz, il-Qorti tqis illi l-azzjonijiet ordinarji kollha relattivi ghandhom anke llum disponibbli ghar-rikorrent.*

*Li jwassal lill-Qorti taghmel referenza ukoll ghall-eccezzjoni numru 4 tal-Avukat tal-Istat fir-rigward tal-pretensjonijiet tar-rikorrent kif msejjsa fuq il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropeja, fis-sens illi dawk il-pretensjonijiet u tlabiet kellhom jitressqu b'rikors guramentat, bl-istess mod kif kellhom jitressqu l-ilmenti tieghu fir-rigward tal-konformita' u meno tar-Regolamenti lokali mar-Regolamenti Ewropej. Il-Qorti tqis illi r-rikorrent kellu l-opportunita' illi jressaq dan kollu bi proceduri quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili b'rikors guramentat kontra l-Iskola u/jew l-Kummissarju u jitlob lil din il-Qorti taghti decizjoni dwar dak kollu hawnekk mitlub. Huwa ghalhekk f'dan il-kuntest illi l-Qorti tqis illi ghandha mis-sewwa anke r-raba' eccezzjoni tal-Avukat tal-Istat, tenut kont ukoll illi din il-Qorti qed taghmel taghha l-insenjament tal-Qorti diversament preseduta fil-kaz Parsons vs l-Agenzija ghal Protezzjoni Internazzjonali et [As per Imhallef Dr Toni Abela, deciza 01.03.2022).*

*Il-leġislazzjoni tagħna tirrikonoxxi li l-mezz li għandha tkun promossa azzjoni kostituzzjonali sa fejn jirrigwarda ksur ta' dritt taħt il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni huwa r-rikors. Dan joħroġ ċar mir-regolament 2 tal-L.S.12.09 li jiddisponi hekk:*

*l-procedimenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti civili li jsiru skond l-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u skond l-artikolu 4(1) ta' l-Att dwar ilKonvenzjoni Ewropea u l-procedimenti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fil-kazijiet imsemmija fl-artikolu 95(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ghandhom jinbdew permezz ta' rikors. (emfazi tal-Qorti).*

*Dan ifisser li kwalunkwe azzjoni oħra, anke jekk f'sens ġeneriku tolqot kwistjoni ta' portata kostituzzjonli, li ma tkunx ksur kostituzzjonali jew konvenzjonali trid tinbeda b'rikors ġuramentat. Dan qiegħed jingħad, għaliex tenut kont ta' dak li jipprovdi l-artikolu 154 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta, sakemm il-liġi ma tipprovdix mod ieħor , kif fil-fatt jagħmel ir-regolament 2 fuq imsemmi fir-rigward ta' ksur ta' dritt fundmentali taħt il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni, kull azzjoni oħra trid tinġieb bil-formalita' tar-rikors ġuramentat.*

*Li kieku wieħed kellu jistaqsi jekk jistax dak li jkun irressaq ksur tat-Trattat biss inkwistjoni ut singuli permezz tar-rikors, ir-risposta hija fin-neggattiv. Il-liġi tordna li r-rikors ikun l-proċedura ordinarja li biha tibeda kull azzjoni sakemm xi liġi speċjali ma tipprovdiex mod ieħor. Tant dan huwa minnu, li l-liġi tikkomina n-nullita' tal-att jekk dak għandu jiġieb b'rikors ġuramentat jsir b'rikors pero' mhux il-kuntrarju.*

*Il-Qorti tfakkar li Qorti ta' ġurisdizzjoni Kostituzzjonali hija waħda straordinarja li wieħed m'għandux jirrikorri għaliha kappriċċożament meta hu jkun seta' jirrikorri għal rimedju ordinarju effettiv u ddeklina milli jagħmel dan. Huwa d'dan il-kuntest illi ser jigu decizi l-eccezzjoni preliminari tal-intimati hawn fuq riferiti."*

13. Ir-rikorrent (minn hawn il-quddiem imsejjaħ ukoll 'l-appellant') ħassu aggravat mis-sentenza tal-Ewwel Qorti u ressaq appell nhar is-16 ta' Ottubru 2023. Tressqet risposta mill-Avukat tal-Istat nhar it-30 ta' Ottubru 2023, mill-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data* nhar it-30 ta' Ottubru 2023 u mid-Direttur ta' St Martin's College Sixth Form nhar l-4 ta' Diċembru 2023.

14. Fil-mori tal-appell talbet li tintervjeni fil-kawża *in statu et terminis* Graziella Sammut, l-eks mara tar-rikorrent u omm il-minorenni in

kwistjoni. Din il-Qorti laqgħet din it-talba permezz ta’ digriet ta’ nhar it-3 ta’ Ġunju 2024.

15. Fil-mori tal-appell ir-rikorrent għamel talba sabiex issir referenza lil Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u jiġu mressqa quddiemha erba’ mistoqsijiet. Dan ir-rikors ġie miċħud permezz ta’ digriet ta’ din il-Qorti ta’ nhar is-6 ta’ Ġunju 2024:

> <<*..Dwar it-talba sabiex il-qorti tordna li ssir referenza preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea, il-qorti tosserva li l-ewwe qorti laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data, tal-Ministeru tal-Edukazzjoni u tal-Avukat tal-Istat li r-rikorrenti kellu mezzi xierqa oħra ta’ rimedju li kienu disponibbli għali, u irrifutat li twettaq is-setgħat tagħha biex tqis l-ilmenti kollha tal-attur fil-meritu.*
>
> *Fiċ-ċirkostanzi meta tqis li sa issa ma ngħatat l-ebda deċiżjoni dwar il-meritu u għall-finijiet tal-appell minn dik is-sentenza, din il-qorti tikkonkludi li t-talba tal-attur sabiex issir referenza lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea hi mingħajt bażi..*>>

16. Ir-rikorrent talab li jressaq nota ta’ sottomissjonijiet u ġie mogħti terminu. Ingħata terminu wkoll għas-sottomissjonijiet tal-konvenuti *qua* appellati.

**Provi**

17. Qabel tgħaddi biex tindirizza l-aggravji mressqa din il-Qorti rat il-provi u x-xhieda mressqa:

"a. Kopja tas-sentenza I.S. AND OTHERS V. MALTA deċiża mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem nhar it-18 ta' Marzu 2021, Application 9410/20[4];

b. Kopja tas-sentenza A PRO ET NOE V. L-AVUKAT TAL-ISTAT BĦALA AGENT TA' MALTA deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-7 ta' Marzu 2022, rikors numru 431/21/1[5];

c. Estratt mir-Reġistru Pubbliku taċ-ċertifikat tat-twelid tal-iben[6] li mal-ftuħ tal-kawża kellu 16 – il sena;

d. Kopja tal-komunikazzjoni li saret permezz tal-email bejn ir-rikorrent u l-Kummissarju tal-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data bejn it-8 ta' Marzu 2023 u t-13 ta' Marzu 2023 u liema email *thread* tinkludi email mibgħuta mir-rikorrent lill-iskola tal-iben u r-rappreżentanza legali tagħha. F'dawn l-*emails* il-Kummissarju offra li jiffaċilita laqgħa bejn ir-rikorrent u l-iskola u joffri kjarifika[7];

e. *Screenshots* tal-*portal* Myschool[8];

f. Kopja ta' komunikazzjoni li saret permezz tal-email, nhar it-2 ta' Marzu 2023, bejn l-Uffiċċju ta-Kummissarju tal-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data għan-nom tal-istess Kummissarju u l-avukati tal-iskola privata, liema skola ma tissemmix, u liema *email thread* tinkludi s-segwenti komunikazzjoni u *disclaimer*:

> << *...Our client is a private school and has received a request from one of the students, aged 16yrs, to withdraw his/her consent in allowing the school to share/his her academic records with one of the parents of the students.*
>
> *We understand, please confirm, that in accordance with the GDPR, the age of consent is that of 16 years (Article 8) and a necessary corollary of this is that a data subject of the age of 16 can also withdraw his/her consent at ajy time and the school must comply with this request.*
>
> *We would appreciate if you could confirm our understanding.>>*

**għall-liema r-risposta mill-Uffiċċju tal-Kummissarju kienet:**

> <<.. *With reference to your email below, this specific issue is governed by the provisions of S.L.586.07, more specifically by regulation 7 thereof, which sets out that the age of consent for the purposes of those regulations shall be 16 years. The conditions of consent provided under article 7 of the GDPR shall apply.*
>
> *We trust this clarifies the matter.*

[4] *Fol. 18 et seq.*
[5] *Fol. 36 et seq.*
[6] *Fol. 44*
[7] *Fol. 45 et seq. u Fol 63 et seq.*
[8] *Fol. 48 et seq.*

*...Opinions and advice given by this Office on data protection matters shall not constitute a legally binding decision and shall be without prejudice to the Commissioner's power to investigate any complaint lodged by a data subject.>>*[9];

g. Xehdet Amy Refalo in rappreżentanza tal-Kummissarju tal-Informazzjoni u Protezzjoni tad-Data[10], li l-Uffiċċju tal-Informazzjoni u Protezzjoni tad-Data rċevew email fit-2 ta' Marzu 2023 mill-Avukat Chantelle Agius għan-nom ta' skola mhux identifikata u li ma taħsibx li kien hemm komunikazzjoni oħra preċedenti għall-din. Il-mistoqsija li saret lill-Uffiċċju kienet waħda ġenerika fir-rigward ta' student ta' sittax-il sena li ried ineħħi l-kunsens tiegħu biex wieħed mill-ġenituri ma jkunx jista' jaċċessa s-sistema tal-iskola. Hi tgħid illi huma rrispondew billi qalu li dwar każijiet ta' kunsens japplika r-regolament sebgħa (7). **Spjegat illi hemm ħames ċirkostanzi meta dan il-kunsens jista' jitneħħa mill-istudent li huma** i) meta l-istudent irid iħassar id-data personali tiegħu minħabba xi *targeted policies*; ii) meta jkun hemm xi attivitajiet informali; iii) meta jiġu proċessati xi *visual images*; iv) meta jkun hemm *disclosure* lil terzi li mhumiex dwar is-saħħa jew awtorita` tal-edukazzjoni; jew v) meta jkun hemm riċerka li mhux qed issir mill-awtoritatjiet edukattivi**. Iżda l'ebda wieħed minn dawn ma kienu applikabbli għal dan il-każ**. **Tkompli li l-istudent ma jistax jirtira l-kunsens tiegħu għal proċess akkademiku**. Dan il-proċess huwa regolat bir-regolament 52A li jgħid li l-iskola tista` tipproċessa d-data personali tal-istudent meta hemm progess akkademiku. L-istudent ma għandux d-dritt li jirtira l-kunsens tiegħu għal "*Myschool*" fil-każ ta' proċess akkademiku, iżda jista` jirtirah biss meta jkun hemm xi *visual images etc*. Il-proċess akkademiku mhuwiex wieħed minnhom.

Fit-2 ta' Marzu 2023 kien hemm email mir-rikorrent fejn talab għal laqgħa mal-Kummissarju u din il-laqgħa saret fil-15 ta' Marzu 2023. F'din il-laqgħa, il-Kummissarju għamilha ċara lill-iskola li hu ma kienx qed jgħid li l-liġi ttih permess biex jirtira l-kunsens tiegħu f'każijiet ta' proċess akkademiku. **Spjegat li hemm distinzjoni bejn il-proċess akkademiku u l-affarijiet tal-iskola li tagħmila l-Liġi Sussidjarja 586.07** stess li taqa' taħt il-kappa tal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data. Ma hemmx linji gwida għall-istituzzjonijiet edukattivi u ma nqalawx kwistjonijiet oħra ta' dan it-tip.

Xehdet li l-Kummissarju ma ġie mitlub jagħti l-ebda *ruling* formali fuq il-kwistjoni u li ma sar l-ebda ilment formali u li huma rrispondew għall-*email* ġenerika u rrispondew għaliha b'mod ġeneriku. **Fl-*email* li huma bagħtu hemm *disclaimer* li l-opinjonijiet u l-pariri mogħtija mill-Uffiċċju ma jikkostitwixxux deċiżjoni legali li torbot lir-reċipjent u li l-kummissarju għandu l-poter jinvestiga meta jidħol ilment mis-suġġett tad-data. Wara li tingħata opinjoni ġenerika jista' jsir ilment uffiċjali u wara li tingħata deċiżjoni vinkolanti jista' jitressaq**

[9] *Fol. 61 et seq.*
[10] *Fol. 112 et seq.*

**appell minn dan quddiem tribunal u wara l-qorti. Dan il-proċess ma ġiex skattat**. Spjegat li hija r-*receptionist* illi ffirmat l-email mibgħuta mill-Kummissarjat, li tikkomunika mat-tim legali iżda li f'dan il-każ ma tafx ma min ikkomunikat u jekk ikkomunikatx ma xi ħadd. Tgħid li kwalunkwe sistema għandha tiġi applikata skont il-liġi;

h. Xehed Anthony Abela, l-Kap tas-Sixth Form[11] ta' iben ir-rikorrent li **spjega li l-*portal* "*Myschool*" għandu fih il-marki tal-istudent u dettalji dwar l-istudent, jintuża biex issir komunikazzjoni mal-istudent u mal-ġenituri u l-ġenituri jistgħu jidħlu f'dan il-*portal* meta jridu u jaraw il-marki u l-informazzjoni kollha dwar l-istudent. Ikun hemm informazzjoni rigward attivitajiet li jiġru l-iskola, eżempju *outing***. Il-portal *Myschool* tintuża wkoll fl-iskola sekondarja u iben ir-rikorrent kien jattendi dan il-kulleġġ sa mill-primarja.

Xehed li hu konxju li l-iben ma jridx jikkomunika mal-missier u seħħ episodju fejn hu bagħat jinforma lill-iben u lill-ġenituri, nkluż ir-rikorrent, b'marki tal-O Levels u l-iben kien irrabja li missieru ġie infurmat.

Malli għalaq is-sittax -il sena nhar id-29 ta' Jannar, l-iben informah li ried jiffirma bil-miktub li ma ridx jagħti aċċess lil missieru tal-*Myschool*. Hu qatt ma kellu każ bħall-dan u kkomunika mal-avukati tal-iskola u huma kkuntatjaw lir-regolatur u wara informah li jekk l-iben talab it-tneħħija tal-aċċess bil-miktub mela l-aċċess għandu jitneħħa. Jgħid li ma kellux għażla għax jgħid li nkella l-iskola tista' tiġi mħarrka talli kisret il-liġi tad-data minn iben ir-rikorrent jew minn ommu. L-aċċess tneħħa fl-4 ta' Frar 2023.

Biex beda s-sixth form l-iben flimkien ma ommu, imma dan il-każ mhux missieru, ffirma formola ta' reġistrazzjoni.

F'Marzu ġie kkuntatjat mir-rikorrent u infurmah li jekk jingħata direzzjoni hu kien jiftaħ l-aċċess lir-rikorrent għax din ma kinitx kwistjoni personali. Hu konxju li t-tifel għadda minn trawma u li saret litigazzjoni fil-Qorti tal-Familja u fil-Qorti Kostituzzjonali u konxju li kien hemm proċeduri fil-Qorti Ewropea.

F'dak il-mument ma kkuntatjawx lill-ġenituri. Fil-każ tar-rikorrent kien hu li kkuntatja lill-iskola. Xehed li saret laqgħa mar-rikorrent fejn infurmawh bis-sitwazzjoni u li bdew jinkwetaw li jiġu mressqa fuq *data breach*. Saret it-tieni laqgħa, li jidher li kien fil-15 ta' Marzu 2023, u qal li ma kienx hemm pożizzjoni ċara u ma kienx jaf x'kellu jagħmel. Fis-6 ta' April 2023 saret laqgħa oħra din id-darba ma rappreżentant tad-dipartiment tal-edukazzjoni, Dr Dennis Zammit fejn ħareġ li oltre li ma tantx kien hemm qbil, l-istess dipartiment ma kellux wisq involviment fil-kwistjoni. Ma akkwista l-ebda parir mid-dipartiment tal-edukazzjoni u ma jidhirlux li rċieva xi linji gwida.

[11] *Fol.117 et seq.*

Jikkjarifika li apparti dettalji personali bħall-indirizz, fil-*portal* jitressqu notamenti fuq l-imġieba tal-istudent u anke jekk l-istudent jattendi għand l-infermiera. Jidħlu fil-*portal* kwistjonijiet serji u jekk tinqala' kwistjoni ta' kuljum l-istudent jiġi mitkellem mill-kap fl-uffiċċju. Kwistjoni bħal din ma titqisx bħala kwistjoni akkademika iżda edukattiva. Ma kienx kapaċi jirrispondi jekk il-parir li ngħata kienx ifisser li l-aċċess lir-rikorrent kellux jitwaqqaf għall-affarijiet purament akkademiċi jew anke għall-affarijiet edukattivi. Kien offra li jibgħat *scans* tal-marki lir-rikorrent iżda hu ried aċċess għall-kollox.

Jgħid li fid-deċiżjoni tiegħu hu ikkonsidra l-interess tat-tifel iżda wkoll il-parir mogħti lilu, għalkemm jgħid li l-pożizzjoni tal-Kummissarju nbidlet xi ftit. Jgħid li kienu jafu li minn età żgħira iben ir-rikorrent kellu problemi familjari, kien ukoll ikkuntatja lil ommu biex tikkonvinċih mod ieħor fuq il-kwistjoni tal-kunsens. Jgħid li fuq iben ir-rikorrent kien hemm impatt emozzjonali u anke akkademiku u li anke weħel minn xi eżamijiet. Jgħid li t-tifel ingħata ħafna għajnuna minn tim fis-sekondarja, inkluż minn *child protection officer*.

Xehed li malli rċevew din il-kawża l-partijiet ikkonċernati ma ridux jagħtu pariri. Jgħid li iben ir-rikorrent iffirma fuq ir-reġistrazzjoni tal-formola u x-xhud kellu jiċċekkja rigward jekk dak li ridtx iben ir-rikorrent kienx possibbli. Għalkemm jidher li inizjalment il-forma mogħtija mit-tifel ma kinitx relatata mal-kunsens tad-data.

Ir-rikorrent ma setax isegwi l-*parents day* minħabba l-kwistjoni tal-*portal*, u x-xhud kien offra li jibgħat il-marki; wara ma saret l-ebda komunikazzjoni oħra ħlief fuq il-kwistjoni tal-aċċess. Li r-rikorrent kien irrifjuta li jkollu x'jaqsam mal-miżati tal-iskola u kienu ħallsu n-nanniet materni.

Ikkonferma li l-aċċess lir-rikorrent ingħalaq qabel ma saret il-komunikazzjoni mal-Kummissarju u r-rikorrent induna għaliex sab l-aċċess magħluq u kkuntatja lill-iskola. Jekk jiġi mogħti lura l-aċċess, il-*history* kollha *tal-portal* tibqa' hemm. Huma ma tawx l-aċċess lura minħabba biża li jiksru d-dritt tal-istudent;

i. Ġiet preżentata l-formola ta' reġistrazzjoni ta' St Martin's College, fuq liema iben ir-rikorrent ddikjara li kien qed jirtira l-kunsens sabiex missieru jkollu aċċess għall-progress edukattiv tiegħu waqt li kien fis-*sixth form*. Fuq l-istess dokument ġie mitlub il-kunsens tal-istudent biex il-ġenitur jew kustodju jkollu aċċess komplet għall-progress edukattiv waqt li jattendi l-iskola u dan peress li hi parti mill-*ethos* tal-iskola li tinżamm komunikazzjoni bejn l-istakeholders kollha, inkluż staff, studenti u ġenituri/kustodji. Anness mal-formola kien hemm ukoll skrittura privata rigward il-miżati tal-iskola u ittra ndirizzata lil prinċipal minn omm l-iben, li r-rikorrent kien qed jagħti l-kunsens biex ibnu

jintbagħat l-iskola in kwistjoni sakemm il-miżati jitħallsu mill-ġenituri tal-omm[12];

j. **Xehed ir-rikorrent** li qal li s-sitwazzjoni bdiet seba' snin qabel meta saret is-separazzjoni *de facto* mal-eks mara tiegħu. Jixhed li kellu kuntatt limitat mat-tfal tiegħu u waqt il-mori tal-proċeduri tas-separazzjoni l-aċċess beda jonqos mhux jiżdied tant li sfuma fix-xejn u għall-erba' snin ma kellux aċċess. Ressaq kawża kostituzzjonali wara li ra li qed isiru żbalji legali u għalkemm l-eżitu inqata' favurih, wara ħafna skossi, hu ressaq kawża l-Qorti ta' Strasburgu għaliex it-tfal kienu qed jikbru. Il-Qorti ta' Strasburgu ħadet konjizzjoni tal-każ u fiż-żmien seba' xhur iddeċidiet il-każ u sabet ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni kemm tiegħu u kemm ta' uliedu u li l-istat Malti kellu jagħmel mezz biex jgħaqqad it-tfal ma missierhom. L-affarijiet bdew mexjin il-quddiem iżda fl-2022, sena wara, kellu jressaq kawża oħra quddiem il-qorti kostituzzjonali biex jenforza s-sentenza ta' Strasburgu. Xehed li hemm kuntatt regolari mat-tlett itfal iż-żgħar iżda mal-kbir le għaliex laħaq sar dannu kbir u ilu ma jkollu kuntatt ma ibnu l-kbir seba' snin, għalhekk mhux sorpriż li jirreaġixxi kif jirreaġixxi għax huwa sintomi ta' persuna li tkun għaddiet minn trawma. Illum sar divorzu bonarju u hemm *working relationship* mal-omm.

Xehed li hu kien jaċċessa l-*Myschool portal* b'mod regolari għaliex kien l-uniku mod kif iżomm kuntatt u jsegwi l-progess ta' uliedu. Ma jidħolx fil-*portal* kuljum u nduna li ma kellux aċċess meta rritorna mill-Asja u aċċessa l-*portal* fl-24 ta' Frar u nduna li l-kont tal-iben sparixxa. Hu kkuntattja lill-iskola u ġie nfurmat li neħħew l-aċċess għax ħassew li kienu legalment obbligati jagħmlu dan u ġew kwotati lilu liġijiet tad-data inkluż il-liġi sussidjarja u hu irrisponda lura li l-liġi kif miktuba mhux tinkwadra.

Ix-xhud jargumenta li jekk wieħed iħares lejn il-kliem tal-artiklu 7 wieħed jirrealiża li l-ewwel biċċa hi eċċezzjoni li żieda l-istat Malti u li ma kinitx teżisti fir-regolament u dan fejn jingħad li r-regolament japplika għall-kapitolu 3 iżda din ma tirriżulta mkien mill-GDPR li jfisser li l-istat Malti lleġiżla aktar milli ppermettiet il-GDPR u dan huwa ksur ta' liġi tal-Unjoni Ewropea. Jgħid li l-iskola privata ma setgħet tagħmel xejn għax segwiet il-parir mogħti lilha. Ir-rikorrent xehed li tkellem mal-uffiċju legali tal-Università u saqsa l-istess mistoqsija bla ma tagħhom id-dettalji speċifiċi tal-każ u rċieva l-istess tweġiba li rċevew l-avukati tal-iskola. Jgħid li kien hemm problema mal-MATSEC għax talab ir-riżultati u ma tawomlux. Jgħid li l-kwistjoni hi li l-istabbilimenti tal-edukazzjoni f'Malta qed jinterpretaw l-artikolu 7 bħala li qed jagħti dritt assolut lill-istudenti u jirtira l-kunsens lill-ġenituri b'mod assolut. Apparti minn hekk artikolu 7 ma jitkellimx fuq rekords akkademiċi u ritratti. Il-liġi ma tgħid xejn minn dan. Din il-kawża hi rigward *point of law* għaliex huwa possibbli li l-*legal notice* hi żbaljata u b'hekk kien inutli li jmur għand tad-*data protection.* Jgħid li regolament hu daqs liġi Maltija u li l-qorti Maltija għandha

[12] *Fol.127 et seq.*

ġurisdizzjoni li timplimenta regolament. Stat jista' jirreġistra barra r-regolament biex jimplimenta r-regolament b'mod li ma jbiddilx is-sustanza tar-regolament. F'dan il-każ jekk taqra regolament 7 u 8 tal-GDPR ma hemm imkien li student ta' 16 jista' jagħmel dawn l-affarijiet. Dan joħroġ minn artikolu 7 tal-avviż legali li allura jmur kontra l-GDPR, jixhed li għalhekk ressaq din il-kawża.

Jgħid li d-direzzjoni li ta l-Kummissarju kienet li l-iskola tista' tagħti lir-rikorrent aċċess għall-informazzjoni akkademika iżda mhux għall-attivitajiet extra-kurrikulari. Jixhed li jrid aċċess komplet bħalma dejjem kellu. Li hu irrelevanti xi ftehim għandu ma eks martu rigward il-ħlas tas-*sixth form*.

Jgħid li din it-talba mhijiex fuq il-*Myschool* iżda fuq l-interpretazzjoni tal-artikolu 7 tal-avviż legali minn diversi istituzzjonijiet inkluż l-Università biex tfal ta' 16 - il sena jistgħu jużawha kontra l-ġenituri billi jaqtaw ir-riżultati u affarijiet oħra. Ir-rimedju li qed jitlob, f'każ li l-artikolu 7 hu ħażin jew ġie applikat ħażin hu li jingħata aċċess tal-*Myschool* iżda l-kwistjoni mhijiex il-*Myschool*. Jargumenta li l-liġi Maltija tobbliga l-ħlas tal-manteniment mingħajr ma tibbilanċja s-sodisfazzjoni edukattiv.

Jargumenta li jekk l-iskola tiftaħlu l-aċċess din faċilment tista' terġa talqu u li t-tifel jerġa jitlob l-istess ħaġa. Kif inhi s-sitwazzjoni jippreferi ma jsaqsi lil ħadd għall-informazzjoni. Jgħid li l-qtugħ tal-aċċess hi arma oħra lit-tifel biex ikompli jaljena ruħu. Jgħid li tajjeb li l-iskola tipprova żżomm bilanċ bejn l-interessi tal-ġenitur u t-tifel iżda li t-tifel mhux kapaċi jidentifika l-pożizzjoni tiegħu minħabba dak li sofra.

Fir-rigward tal-Ministru tal-Edukazzjoni qal li dan huwa r-regolatur tal-edukazzjoni f'Malta u l-fatt li ma għamel xejn u ma pprovdiex linji gwida wassal għas-sitwazzjoni li wassal. F'kawżi ta' dan it-tip fejn ikun hemm diversi partijiet, id-denominatur komuni huwa l-istat Malti kif inhu maqsum.

Jargumenta li l-problema f'dan il-każ hu l-avviż legali 586.7. Li ma setax jirrikorri għall-qorti u li ma teżisti l-ebda qorti li wieħed jista' jirrikorri għaliha ħlief il-qorti tal-familja biex jingħata aċċess imma dik probabbli ssir fejn ma hemmx awtorità tal-ġenituri. Jikkonferma li l-iskola ta ibnu hi waħda privata u li ma ressaq l-ebda ilment mal-Kummissarju għaliex jgħid li l-iskola mxiet sew. Ma saru l-ebda proċeduri kontra l-iskola[13];

k. Kopja ta' komunikazzjoni li saret permezz tal-email bejn ir-rikorrent u l-uffiċċju legali tal-Università ta' Malta bejn l-24 ta' Marzu 2023 u s-27 ta' Marzu 2023 permezz ta' liema saqsa għadd ta' mistoqsijiet ipotetiċi[14]:

> *<<.. 1. On reaching the age of 16, my son/daughter at JC decides not to give me info about his results/subjects etc at JC. Can I as a legitimate parent get the info from the JS's authorities and can a 'kid' at JC instruct*

[13] *Fol. 136 et seq.*
[14] *Fol 144 u 145*

*the school authorities not to give info about their studies to their parents or block parents from any school portal?*
*2. On reaching the age of 18, (assuming that now the 'adult kid' is at university proper, can a parent get information about his son/daughter academic records? Assuming that the parent is financing studies, does this make a difference?*
*3. Finally can a parent approach MATSEC to get info about SEC and A Level results?*

*What I would like to understand is how the UM handles these issues from a practical perspective.*

**It-tweġiba kienet:**
<<...*Although those under 18 years of age are regarded as minors under national legislation, they still have the right under the Data Protection Act, Cap 586 of the Laws of Malta, for information about them not to be disclosed without their consent or as otherwise permitted by the Data Protection Act.*
*Kindly note that in line with the GDPR, UM/JC/MATSEC cannot give information to a parent or guardian regarding a student's personal circumstances unless the student has given his/her specific consent to the parent/guardian to make a Subject Access Request to UM/JC/MATSEC and grants consent to UM/JC/MATSEC to disclose this information to the parent/guardian in accordance with data protection leglisation.*
*If it is not possible to have such consent from the student then a court decree is necessary..>*

l. Xehed Dr Dennis Zammit bħala rappreżentant tal-Ministru tal-Edukazzjoni u qal li rċieva email mingħand waħda mid-Diretturi tal-Edukazzjoni u ġie deċiż li ssir laqgħa. Il-mistoqsija li rċevew kienet waħda ġenerika mingħajr dettalji tal-ġenitur. Saret laqgħa u fl-aħħar sar jaf li nfetħet kawża u li qal li probabbli l-IDPC ma kienx ser jagħti parir peress li nfetħet kawża[15];

m. Xehdet Bernardine Mizzi, Direttriċi tal-iskola kjamata in kawża, u qalet li l-każ hu diffiċli ħafna u li l-iben għadda minn ħafna. Li bħala skola dejjem taw is-sapport u meta rċevew it-talba mingħand l-iben riedu jaraw kif ser jindirizzaw il-kwistjoni. Jgħidu li ma xtaqux ikollhom impatt fuq it-tifel bħalma ma jidħolx għall-lecture. Pruvaw iżommu l-komunikazzjoni li kellhom. Huma offrew li jagħtu r-riżultati iżda ried l-informazzjoni kollha. Jgħidu li għandhom bżonn aktar kjarezza ta' kif għandhom jaġixxu. Jgħidu li d-deċiżjoni ittieħdet minħabba diskussjonijiet legali u kellhom f'moħħhom lil iben ir-rikorrenti. Jgħidu li kieku l-liġi ma kinitx tippermetti ma kienux jagħlqu l-aċċess[16];

n. Regolament 7 tal-Liġi Sussidjarja 586.7 tipprovdi:

[15] *Fol.146 et seq*
[16] *Fol. 148 et seq*

*7.(1) Għall-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti kull student li għalaq is-sittax-il sena għandu jkun eliġibbli li jagħti l-kunsens, kif meħtieġ b'dawn ir-regolamenti, u biex jeżerċita d-drittijiet kollha taħt il-Kapitolu III tar-Regolament.*

*(2) Kull kunsens għandu jingħata bil-miktub u fil-każ ta' applikazzjoni online, għandu jingħata b'indikazzjoni ċara jekk jagħżel li jagħmel hekk. Kull kunsens mogħti mill-istudent, fejn applikabbli, jew mill-ġenitur jew tutur legali, jista', konformement mal-Artikolu 7 tar-Regolament, jiġi rtirat bil-miktub, u l-kontrollur tad-data għandu jneħħi dan il-kunsens u jwaqqaf l-operat tal-ipproċessar li għalih il-kunsens ikun ġie rtirat u d-data kkonċernata għandha tiġi mħassra jew meqruda.>>*

## Konsiderazzjonijiet Legali

18. Permezz tal-**ewwel aggravju** r-rikorrent jilmenta mill-fatt li l-Ewwel Qorti għażlet li ma twettaqx is-setgħat tagħha biex tqis l-ilmenti kolla fil-mertu minħabba li skont hi l-appellant kellu rimedji oħra li kienu disponibbli għalih. Jargumenta li l-kawża mhux dwar aċċess għall-*portal 'MySchool'* iżda rigward interpretazzjoni tal-liġi sussidjarja 586.7 u r-regolament 7 tagħha fid-dawl tal-*General Data Protection Regulation (GDPR)* u fid-dawl tad-drittijiet fundamentali, inkluż tal-Konvenzjoni Ewropea li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Prim'Awla Sede Kostituzzjonali. It-talba għall-aċċess tal-*portal Myschool* kienet sekondarja għat-talba tal-interpretazzjoni tal-liġi fid-dawl tad-drittijiet fundamentali u mhijiex talba indipendenti. L-Ewwel Qorti ma fehmitx ir-rikors promotur u għażlet li ma twettaqx is-setgħat tagħha sabiex tqis l-ilmenti kollha tal-appellanti fil-mertu u għamlet ukoll apprezzament ħażin tal-fatti u t-talbiet, bir-riżultat ikun li ma applikatx id-dispożizzjonijiet korretti tal-liġi.

19. It-talbiet alternattivi minn 1 sa 5 u minn 7 sa 9 tar-rikors promotur baqgħu mhux deċiżi fil-mertu minkejja li m'għandhomx x'jaqsmu mal-aċċess tal-'*Myschool*' u huma ta' natura dwar drittijiet fundamentali. L-interpretazzjoni li stituzzjonijiet edukattivi qed jagħtu dwar Artikolu 7 tal-Liġi Sussidjarja 586.7 hi konsistenti u l-ġrajja ta' *Myschool* hi biss eżempju. Minflok '*Myschool'* ir-rikorrent appellant qed jiffaċċja problema simili mal-*MATSEC* u mhux eskluż li jqumu oħrajn. Għalhekk hu mperattiv regolament 7 tal-Liġi Sussidjarja 586.7 jkun konformi mal-GDPR u mad-drittijiet fundamentali. L-Ewwel Qorti naqset li tispezza t-talba għar-respint tal-aċċess tal-*Myschool* mit-talbiet għad-dikjarazzjoni dwar l-interpretazzjoni ta' artikolu 7 tal-Liġi Sussidjarja 586.7 fid-dawl tal-GDPR u fid-dawl tad-drittijiet fundamentali.

20. Għalkemm l-appellant jaqbel li fir-rigward tal-aċċess għal '*Myschool'* kellu rimedju ordinarju, dan ir-rimedju ma jgħoddx għat-talbiet 2 sa 5 u 8 u 9 li jirrelataw ma interpretazzjoni tal-liġi tal-Unjoni Ewropea u tal-Konvenzjoni Ewropea u kien għalhekk li tressaq dan ir-rikors. F'każijiet relatati mad-drittijiet fundamentali tal-bniedem ir-rimedji jridu jkunu effettivi u mhux akkademiċi.

21. L-appellant jagħmel referenza għal-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti fejn hu jsostni li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata li ffokat biss fuq ir-

rimedji ordinarji relatati mal-‘*Myschool’* u ma hemm l-ebda impediment legali biex il-Qorti tagħti l-interpretazzjoni tagħha fuq it-talbiet l-oħra.

22. Permezz tat-**tieni aggravju** l-appellant jilmenta li s-sentenzi li tirreferi għalihom l-Ewwel Qorti f’paġni 50 sa 53 ma jindirizzawx sitwazzjoni bħalma għandu r-rikorrent. Jerġa jisħaq li t-talba numru 6 relatata mal-aċċess għall-*Myschool*, ma kinitx l-unika talba u l-Ewwel Qorti kellha teżerċita s-setgħat tagħha fir-rigward tal-Ewwel Qorti fir-rigward tat-talbiet li jaqgħu fil-ġurisdizzjoni tagħha. Hu minnu li f’dan il-każ ċertu talbiet jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-liġi tal-Unjoni Ewropea kif ukoll tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u li l-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta’ Malta jagħtu ġurisdizzjoni lil Prim’Awla Sede Kostituzzjonali dwar il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u li wara li ġiet stabbilita d-distinzjoni bejn il-Prim’Awla ta’ Sede Kostituzzjonali u oħra Ċivili ġew emendati t-Trattati tal-Unjoni Ewropea permezz tat-Trattat ta’ Liżbona fejn il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ġiet elevata għal-livell ta’ trattat primarju. Hemm *overlap* sostanzjali bejn il-Konvenzjoni Ewropea u l-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea fejn f’dan il-każ Qorti tista’ ssib bl-istess azzjoni leżjoni ta’ waħda jew oħra jew tat-tnejn f’daqqa. L-ordni ġuridiku tal-Unjoni Ewropea li issa huwa ordni ġuridiku domestiku ukoll jagħti *primacy* lill-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea fuq il-Konvenzjoni Ewropea.

23. Għalhekk la kien hemm azzjoni mħallta li tinvolvi l-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll il-Karta, jkun essenzjali li għandha ġurisdizzjoni l-Qorti Kostituzzjonali tisma' l-każ kemm taħt il-Konvenzjoni Ewropea skont il-Kapitolu 319, kif ukoll skont il-Karta Fundamentali għax jekk wieħed jaqsam l-istess leżjoni fuq żewġ qrati potenzjalment jista' jirriżulta ksur ġdid ta' Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Minkejja li l-Qrati ordinarji jinterpretaw u japplikaw l-liġi tal-Unjoni Ewropea, l-Ewwel Qorti kellha ssib hi ksur tad-drittijiet fundamentali.

24. Ir-rikorrent qed jitlob li din il-Qorti tikkonferma iċ-ċaħda tad-disa' eċċezzjoni tal-intimat Kummissarju, fejn laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-Ministru u għalhekk illiberatu mill-osservanza tal-ġudizzju u fejn laqgħet ir-raba' eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat, tiċħad il-kumplament tal-eċċezzjonijiet, tilqa' l-aggravji u b'hekk tilqa' t-talbiet 2 jew 3 u 4 jew 5 u talbiet 7, 8 u 9 u tħassar it-talba għall-kjamat fil-kawża tal-iskola St Martin's College u dan peress li t-talbiet 1 sa 6 ġew eżawriti.

25. Permezz tar-risposta tiegħu **l-Avukat tal-Istat** jindirizza l-aggravji tar-rikorrent kontestwalment u dan għax jgħid li t-tieni aggravju hu biss kontinwazzjoni tal-ewwel aggravju. Jargumenta li r-rikorrent ma fehemx il-bażi tal-ilment tiegħu stess u ma apprezzax kif is-sentenza tal-Ewwel Qorti wriet kif l-ilment seta' jiġi sorvolat mingħajr ma jiġu istitwiti proċeduri

kostituzzjonali. Ir-rikorrent ma japprezzax li l-materja ġiet riżolta u qiegħed jinsisti li jsir dibattitu akkademiku li ma jservi l-ebda utilità u r-rikorrent qiegħed ikun irraġonevolment litiġjuż. Għalkemm ir-rikorrent kritika l-fatt li l-Ewwel Qorti ma għaddiet l-ebda ġudizzju fuq il-kwistjoni fil-mertu, jargumenta li dan ma kellux isir għaliex l-eċċezzjoni tal-eżawriment tar-rimedju ordinarju hi waħda preliminari u dan anke b'referenza għall-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna.

26. B'referenza għall-kontenut tal-appell, jargumenta li hu ma jaqbilx mar-rikorrent meta jittanta jargumenta li l-kwistjoni tal-aċċess tal-*Myschool* hi waħda minuri u dan għaliex din kienet il-bażi tal-azzjoni li minna nibet kollox. Dan joħroġ ċar mill-premessi tar-rikors promotur u kif inhuma konnessi t-talbiet li ma ġewx deċiżi mal-kwistjoni tal-aċċess. Għalhekk l-appellant huwa żbaljat meta jipprova jissepara jew jirrelega l-kwistjoni tal-aċċess tiegħu u jisħaq li għandha ssir analiżi tat-talbiet tiegħu fl-astratt. L-Ewwel Qorti ddeterminat li r-rikorrent kellu żewġ rimedji disponibbli, jew quddiem il-Kummissarju jew kontra l-iskola. Ir-rikorrent ma jipprovax jikkontesta l-fatt li kellu rimedju iżda minflok jisħaq li l-proċedura ordinarja ma setgħet twassal għall-ebda pronunzja dwar il-kompatibilità tal-liġijiet in kwistjoni mal-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni.

27. Ir-rimedji setgħu wasslu għar-reintegrazzjoni tal-aċċess u li b'dan xorta waħda kienet tingħata interpretazzjoni għal liġijiet in kwistjoni

għalkemm kien konvint li r-rimedju ordinarju ma jistgħux iwasslu għar-repristinar tal-aċċess u dan meta l-intimati kienu tal-ħsieb li l-ġenitur għandu jingħata informazzjoni dwar l-andament edukattiv tat-tifel. Hu għalhekk li l-Ewwel Qorti kienet korretta li ma eżerċitatx is-setgħat tagħha għaliex għarfet li l-kwistjoni setgħet tiġi riżolta mingħajr dawn il-proċeduri. Ir-rikorrent kellu jedd ma jaqbilx mad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti, iżda kellu juri li r-rimedji li tipprovdilu l-liġi ma kinux effettivi, effikaċi jew prattiċi, dan però l-appellant ma għamlux. Ir-rikorrent nesa' fuq xiex inhi l-kawża tiegħu jew qed jittanta jdawwar l-argument billi sejjes l-argument tiegħu fuq jekk il-liġi Maltija hiex konformi mal-GDPR, li taqa' l-barra mill-parametri ta' azzjoni ta' din ix-xorta, jekk għandhiex issir referenza preliminari, jew li għandu jkun hemm pronunzja dwar il-liġi fl-astratt; b'referenza għall-ġurisprudenza jsostni li l-iskop tal-proċeduri kostituzzjonali mhuwiex li jsir eżerċizzju akkademiku. Jgħid li dawn il-proċeduri huma frivoli u vessatorji u li għandu jiġi applikat l-artikolu 223(4) tal-Kapitolu 12 u li l-kjamata fil-kawża rrestawrat l-aċċess tal-*Myschool.* Minkejja dan ir-rikorrent jippersisti bl-appell u dan minkejja li ħa dak li ried.

28. Fir-risposta tiegħu **l-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data*** jwieġeb li l-mertu tal-kawża ġie eżawrit għaliex ir-rikorrent ingħata aċċess għall-*Myschool* nhar it-13 ta' Ottubru 2023, b'hekk ma hemm bżonn tal-ebda kawża kostituzzjonali u wisq anqas tal-appell. Kawża kostituzzjonali ma għandhiex tiġi mressqa sempliċiment

biex tingħata interpretazzjoni mingħajr ma jkun hemm sfond ta' allegat ksur tad-drittijiet fundamentali.

29. Fir-rigward tal-ewwel aggravju jisħaq li jaqbel bis-sħiħ ma dak deċiż mill-Ewwel Qorti u li l-appellant kellu diversi rimedji ordinarji u li ma utilizza xejn minnhom għaliex skont l-istess appellant dawn ma kienu ser iwasslu mkien. Jargumenta li kuntrarjament għal dak argumentat mill-appellant l-uffiċċju tiegħu ma joħorġux liġijiet iżda jimxi mal-liġi hekk kif promulgata mill-Parlament Malti, u/jew tal-Unjoni Ewropea. Il-Kummissarju ma għandu l-ebda poteri leġislattivi iżda huwa biss awtorità superviżorja bil-kompitu u setgħat tiegħu li jemanu minn artikoli 55 sa 58 tar-Regolament (UE) 2016/679. Skont l-artikolu 77(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 jista' jitressaq ilment wara li tingħata deċiżjoni mill-Kummissarju u jista' jitressaq appell quddiem it-Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data u sussegwentement jista' jitressaq appell ieħor quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri). Dan ir-rimedju ma ġiex utilizzat mill-appellant. Magħdud ma dan, il-parir mitlub lil Uffiċċju kien wieħed ġeneriku, li għalih ingħatat tweġiba ġenerika iżda madankollu l-Kummissarju ma ħareġ l-ebda deċiżjoni legalment vinkolanti u dan għaliex ma tressaq l-ebda lment formali. Mhuwiex minnu anqas li l-Ewwel Qorti ma fehmitx ir-rikors promotur tal-appellant.

30. Fir-rigward tat-tieni aggravju, l-Kummissarju jsostni li dan hu kontinwazzjoni tal-ewwel aggravju u li jekk din il-Qorti tkun ser tikkonsidra l-mertu, l-atti għandhom jiġu rinvijati lura quddiem l-Ewwel Qorti.

31. Fir-risposta tiegħu d-**Direttur ta' St Martin's College Sixth Form**, jargumenta li huma l-partijiet li talbu l-kjamata fil-kawża tiegħu u li b'hekk jistgħu jiddikjaraw li ma għandhomx aktar interess li jkun fil-kawża. Jargumenta li l-appellant ma għadx għandu interess ġuridiku u dan għaliex kien l-appellant stess li ddikjara li l-azzjoni odjerna tirrigwarda l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-liġi sussidjarja 586.7. Il-qofol tal-azzjoni ssib ruħha fl-allegazzjoni li bl-interpretazzjoni mogħtija ġew imxekkla d-drittijet tar-rikorrent bħala ġenitur. Ir-rikorrent kien iddikjara li l-interess ġuridiku tar-rikorrent hu li r-regolament 7 tal-Liġi Sussidjarja 586.7 mhux ċar u ma joffrix ċertezza legali u li kien qed jiffaċċja diversi istituzzjonijiet edukattivi li ma kinux qed jagħtuh informazzjoni; jargumenta li ma jirriżulta l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent anzi li jirriżulta hu li l-Qorti Kostituzzjonali qed tintuża biex tiġi miksuba dikjarazzjoni interpretattiva dwar l-applikabbilità ta' provediment tal-liġi li l-attur appellanti ma jaqbilx mal-implimentazzjoni tiegħu.

32. L-attur kellu rimedji oħra u dan *oltre* li kienu nbdew diskussjonijiet mal-iskola u mal-Kummissarju iżda tressqet din il-kawża. L-attur ried biss jottjeni rimedju *'fast track'.*

33. **Wara li rat dan kollu, din il-Qorti ser tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha.**

*Ir-raġuni għal din l-azzjoni*

34. **L-ewwel u qabel kollox din il-Qorti sejra tibda billi tindirizza kwistjoni li l-partijiet ilhom tul il-mori ta' dawn il-proċeduri jiddibattu *ad nauseum* u ċjoè: x'inhu dak li jirrigwarda dan il-każ**.

35. Tqis li dak li ried ir-rikorrent kien kemm rimedju għall-fatt li ma kellux aċċess għall-*portal Myschool* u kif ukoll deċiżjoni rigward l-interpretazzjoni mogħtija lir-regolament 7 tal-Liġi Sussidjarja 586.07 u jekk din l-interpretazzjoni leditx id-drittijiet tiegħu u dan lil hinn mill-aċċess għall-*portal 'Myschool'*. Fin-nota ta' sottomissjonijiet finali jgħid li l-aggravju prinċipali huwa li r-rikorrent iffaċċja u qed jiffaċċja diversi sitwazzjonijiet fejn għal raġunijiet differenti, d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2016/279 magħruf bħala l-GDPR, qed jintużaw biex l-awtoritajiet lokali ma jagħtux informazzjoni edukattiva u akkademika dwar uliedu u li dan jikkostitwixxi ksur ċar tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni

Ewropea tad-Drittijet tal-Bniedem u Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

36. Minn naħa l-oħra l-konvenuti jisħqu li l-ilment tar-rikorrent hu marbut biss mal-aċċess tal-*portal ‘Myschool’* u li biex jingħata dan l-aċċess ir-rikorrent kellu rimedji ordinarji u li kwalunkwe talba oħra għal xi interpretazzjoni mhux mistħoqqa.

37. F’dan l-istadju din il-Qorti rat li l-aċċess għal-‘*Myschool’* ġie fil-fatt irrestawrat fit-13 ta’ Ottubru 2023, wara s-sentenza tal-Ewwel Qorti u tlett ijiem qabel ma tressaq ir-rikors t’appell. Minn nota ta’ kjarifika li ressaq ir-rikorrent, ġie ċċarat ukoll illi ibnu wasal fit-tmiem tal-istudju tiegħu u li għaldaqstant l-għan li għalih ġiet imsejħa l-iskola issa spiċċa[17].

38. Però tajjeb jew ħażin, din il-Qorti taqbel mar-rikorrent li dak li kellu f’moħħu r-rikorrent kien li jakkwista mhux biss aċċess lura għal *portal Myschool* iżda wkoll interpretazzjoni tal-liġijiet in kwistjoni u jekk din l-istess interpretazzjoni hijiex leżiva. Dan ifisser li din il-Qorti ser tkompli biex tindirizza l-appell.

[17] Dan il-punt diġà ġie indirizzat f’digriet ta’ din il-Qorti.

39. Il-Qorti ma taqbilx mar-rikorrent li l-Ewwel Qorti 'ma fehmitx' ir-rikors promotur, anzi jidher li l-Ewwel Qorti fehmet sew il-kweżit imressaq quddiemha:

> *"Il-Qorti tqis illi dak li principalment qed jitlob ir-rikorrenti (vide l-ewwel Talbiet Regolari) huwa:*
> *(a) dikjarazzjoni li nghtat interpretazzjoni restrittiva ta' l-Artikolu 7 tal-Ligi Sussidjarja bil-konsegwenza li l-Istat Malti qed imur kontra l-obbligu tieghu kif rikjest mill-Qorti Ewropeja fil-kaz 9410/20 u l-ispirtu tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta' Marzu 2022;*
> *(b) illi l-istess Artikolu 7 mhux konformi mal-Artikolu 7 tar-Regolament UE 2016/679;*
> *(c) illi l-interpretazzjoni moghtija mill-awtoritajiet tal-Istat Malti ghall-Artikolu 7 tal-Ligi Sussidjarja 586.07 tikser id-dritt tar-rikorrent that l-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropeja; u*
> *(d) illi l-mod kif interpretat l-Artikolu 7 tal-Ligi Sussidjarja msemmija da parti tal-awtoritajiet tikser id-drittijiet tieghu ai termini tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem."*

40. Dak li jidher li għamlet l-Ewwel Qorti però kien li qieset l-inazzjoni tal-attur biex jistitwixxi proċeduri ordinarji, bħala raġuni biżżejjed biex ma teżerċitax is-setgħat tagħha fil-konfront tat-talbiet tar-rikorrent għaliex l-Ewwel Qorti rat li r-rimedji ordinarji disponibbli kienu jsolvu kwalunkwe kwistjoni li kellu r-rikorrent.

*<u>Il-parametri tal-azzjoni</u>*

41. Hemm żewġ parametri li tajjeb li din il-Qorti tindirizza, dawk fattwali u dawk legali.

42. **Fir-rigward tal-parametri fattwali din il-Qorti** tqis li r-rikorrent ma jistax iġebbed l-azzjoni mressqa kif irid hu u jdaħħal raġunijiet ġodda mhux sostanzjati l-għaliex ressaq din l-azzjoni. Jargumenta x'jargumenta r-rikorrent, kienu ċ-ċirkostanzi relatati mal-aċċess tal-*Myschool* li wasslu lir-rikorrent jiftaħ il-kawża odjerna u mhux minħabba kwistjonijiet oħra mal-MATSEC; dan joħroġ ċar mill-provi mressqa u b'hekk ser tqis li dak huwa l-uniku episodju fattwali li fuqu tista' timxi din il-Qorti.

43. Fir-rigward tal-parametri legali li fihom hi kostretta timxi din il-Qorti, jkun tajjeb li jiġi mfakkar li l-kompitu tal-qrati kostituzzjonali joħroġ kemm mill-artikolu 46(1) u 95(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u kemm mill-artikolu 4(1) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Għandu jsegwi li sabiex materja tingħata s-smiegħ minn din il-qorti din trid taqa' *entro* dawn il-parametri li jittrattaw materja straordinarja u mhux ordinarja.

44. Issa fir-rigward tal-att li jagħti bidu għall-proċeduri quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, jingħad li t-tieni regolament tal-Liġi Sussidjarja 12.09 intitolat Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni jipprovdi li l-proċeduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li jsiru skont l-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u skond l-artikolu 4(1) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea u l-proċeduri quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fil-

każijiet imsemmija fl-artikolu 95(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta[18] għandhom jitressqu permezz ta' sempliċi rikors, u b'hekk dan ma għandux għalfejn ikun ġuramentat. Dan isegwi mal-loġika li l-materja tant tkun waħda straordinarja u ta' urġenza li ma hemmx il-bżonn ċertu formalitajiet.

45. Dawn huma l-pedamenti li trid timxi fuqhom il-Qorti Kostituzzjonali meta taqdi l-kompitu tagħha.

---

[18] *(2) Waħda mill-Qrati Superjuri, magħmula minn tlieta mill-imħallfin li jkunu jistgħu, skont xi liġi li għal dak iż-żmien tkun isseħħ f'Malta, joqgħodu fil-Qorti tal-Appell, għandha tkun magħrufa bħala l-Qorti Kostituzzjonali u jkollha ġurisdizzjoni li tisma' u tiddeċidi –*

> *(a) dawk il-kwistjonijiet li huma msemmija fl-artikolu 63 tal-Kostituzzjoni;*
> *(b) kull ħaġa riferita lilha skont l-artikolu 56 ta' din il-Kostituzzjoni u kull ħaġa riferita lilha skont kull liġi dwar l-elezzjoni tal-membri tal-Kamra tad-Deputati;*
> *(ċ) appelli minn deċiżjonijiet tal-Prim'Awla tal-QortiĊivili skont l-artikolu 46 ta' din il-Kostituzzjoni;*
> *<u>(d) appelli minn deċiżjonijiet ta' xi qorti ta' ġurisdizzjoni oriġinali f'Malta fuq kwistjonijiet dwar interpretazzjoni ta' din il-Kostituzzjoni li ma jkunux dawk li jistgħu jaqgħu taħt l-artikolu 46 ta' din il-Kostituzzjoni;</u>*
> *<u>(e) appelli minn deċiżjonijiet ta' xi qorti ta' ġurisdizzjoni oriġinali f'Malta fuq kwistjonijiet dwar il-validità ta' liġijiet li ma jkunux dawk li jistgħu jaqgħu taħt l-artikolu 46 ta' din il-Kostituzzjoni;</u> u*
> *(f) kull kwistjoni deċiża minn qorti ta' ġurisdizzjoni oriġinali f'Malta flimkien ma' xi waħda mill-kwistjonijiet imsemmija fil-paragrafi ta' qabel ta' dan is-subartikolu li minnha jkun sar appell lill-Qorti Kostituzzjonali:*
>
> *Iżda ebda ħaġa li tinsab f'dan il-paragrafu ma ttellef li appell jinġieb separatament quddiem il-Qorti tal-Appell skont xi liġi li għal dak iż-żmien ikun hemm isseħħ f'Malta.*

*(3) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, jekk xi kwistjoni bħalma hija msemmija fil-paragrafu (d) jew (e) ta' dak is-subartikolu tqum għall-ewwel darba fi proċeduri f'qorti ta' ġurisdizzjoni ta' appell, dik il-qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-qorti li tkun tat id-deċiżjoni oriġinali, kemm-il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja, u dik il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq kull kwistjoni bħal dik u, bla ħsara għal kullappell skont id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni għandha tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-deċiżjoni.*

*(4) Id-disposizzjonijiet tas-subartikoli (6) u (7) tal-artikolu 46 ta' din il-Kostituzzjoni għandhom jgħoddu għall-Qorti Kostituzzjonali u għal dak l-iskop riferenzi għal dak l-artikolu fl-imsemmija subartikoli għandhom jiftehmu bħala riferenzi għal danl-artikolu.*

46. **Fid-dawl ta' dak diġà meqjus, din il-Qorti ma tqisx li għandha raġuni siewja tvarja d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti u dan għar-raġunijiet segwenti.**

47. F'dan il-każ ir-rikorrent ma sejjes l-ebda mit-talbiet tiegħu fuq l-artikoli tal-Kostituzzjoni ta' Malta, iżda sejjes talba waħda fuq il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, talba oħra fuq il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u talbiet oħra fuq l-interpretazzjoni tal-GDPR.

48. Din il-Qorti tqis li kollox idur mat-tieni talba tar-rikors promotur (senjatament it-tieni talba regolari u mhux dik għall-miżuri interim):

> *"2.Tiddikjara li Artikolu 7 tal-AL 586.7 mhux konformi ma' Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u dan għall-fatt li ma jeżisti imkien fir-Regolament (UE) 2016/679 li jagħti l-Istat Membru tal-faċilita li jbiddel jew ixekkel d-drittijiet parentali fil-konfronti ta' minuri jew li jagħti d-drittijiet lil minuri ta' sittax-il sena li jagħżlu minn rajhom li jneħħu aċċess ta' data akkademika jew data oħra li tkun disponibbli f'portals tal-iskola bħal f'Myschool u dana minħabba l-fatt li l-liġi nazzjonali qatt ma tista' tbiddel l-animu ta' Regolament tal-UE fl-implimentazzjoni tiegħu;"*

49. Biex tasal tiddeċiedi din it-talba l-ewwel trid tiġi individwata deċiżjoni li waslet awtorità tiddikjara li ġenitur ma għandux aċċess għal

data akkademika ta' wild ta' sittax-il sena, meta l-istess wild jagħżel li jinnega aċċess għal data tiegħu akkademika għal ġenitur tiegħu, l-Ewwel Qorti qieset li biex jiġi eżerċitat id-dritt imsemmi fit-tieni talba kellha l-ewwel issir il-prova li r-rikorrent eżerċita proċeduri ordinarji applikabbli u f'każ ta' eżerċiment ta' dan ir-rimedju b'mod sfavorevoli għar-rikorrenti, li r-rikorrent kien ikun f'pożizzjoni li jressaq azzjoni ta' natura kostituzzjonali quddiem dawn il-Qrati u dan għaliex kien ikun f'dak il-mument biss li r-rikorrent kien ikun jista' juri li l-liġi hi waħda skoretta.

50. Issa fl-argumenti tiegħu r-rikorrent wera li ma jaqbilx ma' dan l-argument u dan għaliex jgħid li l-awtoritajiet Maltin u b'hekk l-Istat Malti, taw interpretazzjonijiet li jledu d-drittijiet diversi tiegħu. Hawn ikun siwi li jiġi meqjus xi ftit *it-timeline* ta' fatti.

51. Din il-Qorti rat li qabel mal-iskola kkuntattjat lill-Uffiċċju tal-Kummissarju f'Marzu 2023 kienet diġà ħadet deċiżjoni waħidha favur iben ir-rikorrent u neħħiet l-aċċess lir-rikorrent, u dan xahar qabel, jiġifieri fit-2 ta' Frar 2023. Għaldaqstant dak li xehdu r-rappreżentanti tal-iskola, li d-deċiżjoni ħaduha purament fuq bażi ta' liġi ma treġġix.

52. Fil-korrispondenza li saret bejn l-iskola u l-uffiċċju tal-Kummissarju fit-2 ta' Marzu 2023 ma ġewx żvelati l-identitajiet tal-partijiet imressqa, ġiet imressqa mistoqsija ġenerika u konsegwentement ingħatat risposta

ġenerika li fis-sustanza tagħha tgħid biss li wieħed għandu jħares lejn ir-regolament:

> *"With reference to your email below, this specific issue is governed by the provisions of S.L.586.07, more specifically by regulation 7 thereof, which sets out that the age of consent for the purposes of those regulations shall be 16 years. The conditions of consent provided under article 7 of the GDPR shall apply.*
>
> *We trust this clarifies the matter.*
> *...Opinions and advice given by this Office on data protection matters shall not constitute a legally binding decision and shall be without prejudice to the Commissioner's power to investigate any complaint lodged by a data subject."*

53. *Oltre* d-*disclaimer* imniżżel f'din il-komunikazzjoni, din il-Qorti ma tarax kif din ir-risposta tista' jiġi interpretata bħala parir biex ir-rikorrent jitneħħielu l-aċċess, il-kontenut tal-imsejjaħ parir, ma jidħolx fil-mertu tal-kwistjoni iżda jirreferi biss għall-kontenut tar-regolament.

54. Minn dak li rat il-Qorti fir-rigward tal-komunikazzjoni li saret f'laqgħa *online*, mhux ċar x'direzzjoni ngħatat għalkemm jidher li ntqal li kellhom jinħarġu xi linji gwida mill-Ministeru tal-Edukazzjoni. Min-naħa l-oħra mix-xhieda ta' Amy Refalo in rappreżentanza tal-Kummissarju tal-Informazzjoni u Protezzjoni tad-Data joħroġ li r-regolament 7, li hu l-qofol tal-ilment tar-rikorrent, ma kellux japplika għall-każ ta' iben ir-rikorrent fejn tidħol materja edukattiva.

55. Issa biex wieħed jgħid kollox, dak li xehdet ir-rappreżentanta tal-Kummissarju quddiem l-Ewwel Qorti jġiegħel lil din il-Qorti titħasseb ftit, għaliex filwaqt li fix-xhieda hi tat risposta diretta li minnha din il-Qorti tifhem li l-aċċess tar-rikorrent ma kellux jitneħħa mhux daqstant ċar x'intqal fil-laqgħat.

56. Li hu żgur hu li l-Qorti qajla tista' tikkunsidra *email* ġenerika, mibgħuta wara domanda ġenerika bejn l-iskola privata u l-Uffiċċju tal-Kummissarju, mingħajr kuntest fuq iċ-ċirkostanzi tar-rikorrent u ibnu, bħala l-pożizzjoni tal-Istat Malti u dan meta l-*email* stess tiġi b'avviż magħha li kwalunkwe kontenut ma għandux l-*istatus* ta' deċiżjoni vinkolanti u li tista' tintalab opinjoni mill-Kummissarju li tiskatta proċess li jinkludi fih diversi stanzi ta' appelli. Dan il-proċess, esplorat mill-Ewwel Qorti fil-konsiderazzjonijiet tagħha, r-rikorrent ma skattahx.

57. Fuq dak li kellu jagħmel jew ma jagħmilx il-Ministeru tal-Edukazzjoni din il-Qorti la tqis li hi edotta b'fatti relevanti u f'dan l-istadju li r-rikorrent mhux jappella mill-fatt li l-Ministru ġie lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

58. Anqas ser tikkonsidra l-argument li għamel ir-rikorrent li entitajiet oħra waslu għall-istess raġunament u dan għaliex akkwista parir ġeneriku minn persuni li jaħdmu ġewwa l-Università ta' Malta meta l-parir ma kienx

jirrelata mal-*Myschool* u l-Università ta' Malta ma tistax titqies bħala l-awtorità li mingħandha r-rikorrent kellhu jakkwista xi deċiżjoni.

59. Huwa għalhekk li din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti meta qieset li r-rikorrent kellu rimedju ordinarju quddiem il-Kummissarju tad-Data, u mhux biss għaliex ir-rikorrent qed jittanta jissostitwixxi r-rimedju ordinarju b'wieħed straordinarju iżda għaliex qed jitlob dikjarazzjoni ta' ksur tad-drittijiet meta din il-Qorti ma tqisx li ttieħdet ebda deċiżjoni formali fuq liema tista tibbaża din id-dikjarazzjoni ħlief deċiżjoni ta' skola li tmur xhur wara ġiet irtirata. Għaldaqstant taqbel mal-Ewwel Qorti li ma kellhiex teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha.

60. Isegwi li ma tqisx anqas li tista' tindirizza l-ewwel talba, permezz ta' liema r-rikorrent jitlob dikjarazzjoni li l-interpretazzjoni restrittiva ta' Artikolu 7 tal-Liġi Sussidjarja 586.7 hekk kif intużat mill-Istat Malti jmur kontra l-obbligu tal-Istat Malti stess hekk kif deċiż fis-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem[19] u dan għaliex kif spjegat ma tqisx li f'dan l-istadju l-Istat Malti ta interpretazzjoni fir-rigward tar-regolament. *In oltre* jiġi osservat ukoll li fil-każ odjern l-argument kollhu tar-rikorrent idur mal-fatt li l-liġijiet jagħtu drittijiet lil minorenni kontra l-interessi tal-ġenitur li ma jirriżultax mill-atti.

[19] I.S. AND OTHERS V. MALTA deċiża mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem nhar it-18 ta' Marzu 2021 – Application 9410/20

61. Isegwi li anqas ma tista' ssir xi dikjarazzjoni fir-rigward tar-raba' talba fejn ir-rikorrent talab dikjarazzjoni li l-interpretazzjoni tal-awtoritajiet tal-Istat Malti li jidderieġu l-awtoritajiet tal-iskola biex jilqgħu t-talba tat-minuri biex jitneħħa l-aċċess tal-*Myschool* lir-rikorrent tikser id-drittijiet tar-rikorrent taħt Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Kif diġà osservat ma ġiet pruvata ebda deċiżjoni finali fuq il-materja ordinarja.

62. Fir-rigward tat-tielet talba tar-rikors promotur u l-Karta jingħad li mhux kontestat li din hi parti mill-liġi domestika, u dan skont il-Kapitolu 460 tal-Liġijiet ta' Malta.

63. Issa madankollu l-kwistjoni fil-verità hi waħda sempliċi u purament proċedurali u billi l-kwistjoni hi ġia deċiża mill-Ewwel Qorti li kull azzjoni konnessa mac-Charter trid issir b'rikors ġuramentat u mhux sempliċi rikors u ma sar ebda aggravju dwar dan wara li l-Ewwel Qorti laqgħet ir-raba' eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat, din il-Qorti tqis din il-kwistjoni magħluqa.

64. Għall-finijiet ta' dan ir-rikors u l-eċċezzjonijiet mressqa, jkun biżżejjed li din il-Qorti tieqaf hawn u ma tarax li għandha għalfejn tidħol fil-kwistjoni tal-forum appożitu f'liema għandhom jitressqu kwistjonijiet relatati mal-Karta. Madankollu jkun utli li din il-Qorti tosserva li permezz

ta' ġurisprudenza reċenti jidher li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede kostituzzjonali) għażlu li jeżerċitaw is-setgħat tagħhom fejn ilmenti msejsa fuq il-Karta tressqu b'rikors maħluf (ara eżempju ***AJD Tuna vs Reġistratur Qrati Ċivili*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) nhar is-27 ta' Jannar 2022 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fl-10 ta' Novembru 2022)* u f'istanzi oħra l-Qrati rrifjutaw li jirrikonoxxu t-talbiet imsejsa fuq il-Karta u dan għaliex ma tressqux b'rikors maħluf (ara eżempju ***Mariam Ngady Parsons vs L-Aġenzija għal Protezzjoni Internazzjonali*** *et deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) nhar l-1 ta' Marzu 2022 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Jannar 2023).*

65. Issa din il-Qorti tqis li jekk azzjoni relatata mal-Karta titressaqx quddiem Qrati Kostituzzjonali jew le għandu jiddependi minn natura tat-talba. F'dan il-każ talba numru 3 kienet tirrelata purament mal-Karta u mhux mar-relazzjoni tal-Karta fil-konfront tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni. Għaldaqstant u skont il-liġijiet fuq kwotati, din il-Qorti għandha dubju kemm tali azzjoni setgħet tiġi meqjusa bħala waħda mill-materja li taqa' fil-kompitu tal-Qorti Kostituzzjonali.

66. Jonqos b'hekk il-ħames, is-seba', it-tmien u d-disa' talbiet.

67. Permezz tal-ħames talba r-rikorrent talab li tagħmel rinviju preliminarju skont Artikolu 267 TFUE lill-QĠUE dwar jekk l-interpretazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/679 li tkun qed timxi magħha l-Qorti Maltija hix ksur ta' Artikoli 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, liema konvenzjonijiet jipprevalu fuq liġi domestika konfliġġenti u saħansitra fuq ir-Regolament. Jingħad li għalkemm l-ewwel erba' talbiet ġew miċħuda, l-ħames talba mhux ser tiġi meqjusa ulterjorment u dan għaliex kif din il-Qorti diġà esprimiet fid-digriet mogħti minnha fis-6 ta' Ġunju 2024, kwotat aktar il-fuq, it-talba ma għandhiex bażi la r-rikorrent ma utilizza l-ebda rimedju ordinarju u din il-Qorti ma tat l-ebda interpretazzjoni.

68. Is-seba' talba, fejn ir-rikorrent talab il-likwidazzjoni ta' danni morali. Tenut kont is-suespost din il-Qorti ma hija anqas disposta tagħmel xi dikjarazzjoni kif mitluba taħt it-tmien u d-disa' talba u ċjoè li jeżistu nuqqas ta' salvagwardji għad-drittijiet ta' ġenitur li huwa obbligat li jikkontribwixxu manteniment bil-liġi għall-uliedu li għalqu t-tmintax – il sena (għax ikunu għadhom qed jistudjaw) milli jkollhom informazzjoni u dan bi ksur tal-Artikolu 8 u dikjarazzjoni li r-rikorrent/ġenitur li jħallas manteniment skont il-liġi għal ulied li laħqu l-età ta' adult għadu jistudja, għandu d-dritt u l-wild adult u l-istituzzjonijiet edukattivi għandhom l-obbligu li jinformaw lill-ġenitur li jkun qed iħallaslu l-manteniment skont il-liġi, li jagħtu informazzjoni dwar il-progress akkademiku u l-attivitajiet extra-kurrikulari

li jkun qed jagħmel matul l-istudju, inkella fin-nuqqas, jaqa' l-obbligu tal-manteniment imsemmi.

**Deċide**

69. Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi li tiċħad l-appell tar-rikorrent, bl-ispejjeż kontrih.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb